Ħarġa nru 12
Novembru 2014

# l-aċċent

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**


- Il-problema tal-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz 2
- Ix-xejriet tal-Malti II: Il-lat verbali ta' lsienna 8
- Mistoqsija u tweġiba 10
- In-nomi verbali 11

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- Teżisti distinzjoni bejn *repeal* u *delete*? 15
- Mudell tassonomiku 16
- Lejn mappa tad-dinja bil-Malti II – Kriterji preliminari, l-Afrika 21

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- Malta u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea 35
- L-Akkademja tal-Malti 38
- Erin Serracino-Inglott, l-iskakkista traduttur 42


Wasalna għal ħarġa oħra tar-rivista *l-aċċent*. It-temi li nkunu nixtiequ nittrattaw qatt ma jkunu skarsi. Kultant tkun qed tittraduċi u taħbat ma' diffikultà terminoloġika. L-ewwel tara xi jgħidu l-għodda li għandek għal-lest. Jekk le, titkellem ma' sħabek it-terminologi. F'każ ta' problema ortografika li r-regoli tat-Tagħrif ma jsolvuhiex, tara ftit fuq min se ddur. Imma jekk m'intix tasal għaliha waħdek, min se jasal għaliha flokok? Kultant jirnexxilna niksbu spjega tajba li tindika mqar 'l-għaliex' tal-problema li nkunu ltqajna magħha u l-pubblikazzjoni tagħna hi sforz umli biex l-ispjegi li jaslulna jitqassmu lil kull traduttur f'kull istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea... imma anki lil mijiet ta' individwi li minn Malta talbuna ngħodduhom magħna. Il-kopja taslilhom b'xejn, id-dar.

Fit-taqsima dwar il-Malti li nitħaddtu u li niktbu għandna l-kontribut ta' żewġ studenti tal-Malti. Jekk tiġi bejn ħaltejn tużax forma jew oħra ta' nom verbali, l-artiklu ta' Leanne Ellul se jispjegalek għaliex moħħok ikun irraġuna biex inti tmur għal forma u mhux għal oħra. L-artiklu ta' Reno Fenech jipproponi firxa ta' possibilitajiet li jistgħu jieħdu post ir-realtà ta' regola li, għalkemm minquxa fit-*Tagħrif*, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se jkun diffiċli nibqgħu nimxu magħha. Kemm huwa realistiku li, qabel tikteb bil-Malti, tkun mistenni tindaga minn liema lsien toriġina l-kelma u kif tinkiteb fl-ilsien mnejn oriġinat? Għal darb'oħra, qed inġibu wkoll nota f'għamla ta' mistoqsija u tweġiba li hi ta' rilevanza diretta għad-dokumenti tagħna. L-artiklu ta' Mark Amaira jistħarreġ il-varjetà tal-għamliet sintattiċi fil-Malti, u ma jiddejjaqx jindika l-forom li jrendu l-Malti aktar mexxej.

Fit-tieni taqsima, Erika Vassallo, mill-Qorti tal-Ġustizzja, laqgħet l-istedina tagħna li tindikalna d-differenza bejn il-verbi *to repeal* u *to delete*. Antoine Cassar jikkontribwixxi t-tieni parti tal-artiklu dwar il-ħolma tiegħu, issa kontaġġuża, li jkollna mappa tad-dinja bil-Malti. Reuben Seychell, terminologu fid-dipartiment mnejn toħroġ din il-pubblikazzjoni, jikteb dwar mudell tassonomiku li jitħaddem fil-bini tat-termini bil-Malti. Flimkien ma' Jeantide Naudi, qed jikkontribwixxi wkoll suppliment terminoloġiku marbut mal-enerġija elettrika.

Fl-aħħar taqsima tkellimna ma' Joe Borg dwar l-Akkademja tal-Malti u l-aktar ħidmiet riċenti tagħha, fosthom il-pubblikazzjoni onlajn tar-regoli uffiċjali ta' lsienna fis-sit tal-Akkademja. Ivan Said jagħtina rendikont pjaċevoli tat-traduttur Erin Serracino Inglott, filwaqt li Joe Izzo Clarke jikteb dwar pubblikazzjoni bil-Malti maħruġa mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fiha jissemmew is-sentenzi mogħtija mill-istess Qorti – li jinvolvu lil Malta – mindu l-Malti sar lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Kulma jmur, din il-pubblikazzjoni qed tinfirex dejjem aktar. Ħajr lill-kontributuri kollha ta' din il-ħarġa li taw parti sewwa minn ħinhom biex jikkontribwixxu artikli maħsuba u riċerkati tajjeb. Jekk *l-aċċent* irnexxa, u wasal fit-tnax-il ħarġa tiegħu, nafuh l-aktar lilhom.

*Il-Bord Editorjali*

## BIR-REQQA
*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

# Il-problema tal-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz

Reno Fenech

Fiż-Żieda mat-*Tagħrif*, fejn hemm miġburin ir-regoli uffiċjali, fil-Kapitlu Ċ (1) jingħad li: "Kliem barrani li fl-ilsien barrani jibda bil-vokali 'i', jibqa' jżomm l-'i' bħala parti integrali tal-kelma wkoll meta l-kelma ta' qabel tispiċċa b'vokali" u jinġiebu dawn l-eżempji: importanti, immaġinazzjoni, inklinat, injorant, introduċa. Jingħad ukoll li għandu jsir dan ladarba l-kliem missellef li jibda bil-vokali l-oħrajn (a, e, o, u) iżomm dejjem dik il-vokali, eż. arblu, elmu, obda, umli.

Din ir-regola tista' toħloq id-dubji u qed tingħata interpretazzjoni differenti fl-ortografija ta' ċertu kliem li jista' jkollu l-'i' fil-bidu, bħal 'imbotta' u 'ivvinta'. L-'i' ta' dawn il-kelmiet ma ġġibx ruħha bħall-vokali l-oħrajn. Filwaqt li l-vokali etimoloġiċi l-oħrajn fil-bidu tal-kelma jitlissnu dejjem, eż. "ordni", l-'i' etimoloġika fid-diskors ma titlissinx meta l-kelma ta' qabilha tintemm b'vokali għax qed timxi daqslikieku kienet vokali tal-leħen, jiġifieri nisimgħu *nisa ngliżi*. Id-dubju jiġi meta l-etimoloġija ta' xi kliem mir-Rumanz mhijiex ċara (*malli nduna*) jew meta l-kliem fil-Malti ġarrab żvilupp fonoloġiku (*ħafna njam*) u morfoloġiku.

F'dan l-artiklu se nressaq ġabra ta' kliem ta' nisel Rumanz, l-iżjed verbi, li fil-Malti jistgħu jibdew bil-vokali 'i' u naraw jekk dik l-'i' tinkitibx f'kull każ. Il-verbi miġbura se jkunu mqassmin skont l-etimoloġija li se tingħata wara kull wieħed biex tinħareġ stampa tal-iżvilupp. Għall-ġabra u l-etimoloġija għenni d-dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina, li għadu l-aktar wieħed awtorevoli. Minn żmienu ħarġu pubblikazzjonijiet u nstabu għadd ta' manuskritti bikrin bi kliem Sqalli li jgħinuna naslu għall-etimoloġija ta' xi kliem[1] u għalhekk kull fejn stajt, tajt etimoloġija aġġornata. Dizzjunarju importanti li użajt huwa l-*Vocabolario Siciliano*, xogħol monumentali ta' ħames volumi ppubblikat bejn l-1977 u l-2002.

### Il-vokali 'i' etimoloġika

L-'i' etimoloġika tinsab fi kliem ta' nisel Rumanz u aktar riċenti fi kliem mill-Ingliż. Din tinsab qabel konsonanti likwidi (l, m, n, r) u tista' tkun:

i) Fil-prefiss Rumanz 'in-' tan-negattiv li juri antonimi. Aktarx il-kelma tkun tibda b'vokali, jew il-konsonanti 'd', 'f', 's' u 'v'. Eż. inabilità, indeċiż, ineżistenti, infeliċi, inopportun, inseparabbli, inuman, invalidu. Xi drabi l-prefiss tan-negattiv ikun 'im-' quddiem kliem li jibda bil-konsonanti 'p': imparzjali, imperfett.

Il-prefiss tan-negattiv isir 'il-/im-/ir-' quddiem konsonanti likwida. Eż. illeġittimu, immakulat, irregolari.

ii) F'lessiku Rumanz ieħor b'nażali fil-bidu. Eż. imita, importanti, insett, interess. Bosta minn dan il-kliem jinsab fl-Ingliż u għalhekk mhux diffiċli tagħraf l-'i' etimoloġika.

Fi ftit każijiet l-'i' tal-bidu tinsab ukoll quddiem il-fonemi /d/, /p/ u /s/ ta' kliem Rumanz, eż: 'idea', 'ipnożi' u 'istantanju' iżda rari ħafna quddiem /b/ u /k/, eż: 'ibridu' u 'ikona'.

Quddiem dawn il-fonemi l-vokali tal-bidu titlissen dejjem.

## Klassifikazzjoni tal-verbi

Hawn se nagħmlu tentattiv biex nikklassifikaw il-verbi missellfin mir-Rumanz li jistgħu jaqgħu taħt ir-regola tal-'i' etimoloġika. Wara kull klassifika se nagħtu xi eżempji biex isir tqabbil morfoloġiku bejn iż-żewġ lingwi.

Il-verbi se jkunu mqassmin skont kif naħsbu li kienu fl-etimoloġija ladarba r-regola ortografika timxi magħha. Għal xi eżempji se nagħti t-tifsir tal-kelma minħabba li hemm minnhom omonimi jew għandhom tifsir xi ftit differenti mill-etimoloġija.

i) L-ewwel grupp iħaddan verbi Rumanzi li jżommu l-'i' etimoloġika u warajha hemm il-konsonanti likwida 'm' jew 'n' ma' konsonanti oħra. Dawn baqgħu kif inhuma fir-Rumanz. Ma joħolqux problema fl-etimoloġija għax aktarx tnisslu mit-Taljan skont id-dizzjunarji. Eż. impaġna, impenja, impjega, implika, importa, indaga.

Verbi li jistgħu jidħlu f'din il-kategorija huma dawk li fit-Taljan jibdew bil-vokali 'i' u warajha hemm konsonanti likwida dduplikata. Fil-Malti dawn ma ġarrbux bidla fiz-zokk:

| **ikk+zokk** | **< ikk+zokk** |
|---|---|
| illuda | < *illudere* |
| immortala/ immortalizza | < *immortalare/immortalizzare* |
| irradja | < *irradiare* (*radiare* rari) |
| irreġimenta/ irriġimenta | < *irreggimentare* |

ii) It-tieni tip ta' verb Rumanz li jista' jżomm il-vokali etimoloġika 'i' tal-bidu huwa dak li fil-Malti ġarrab assimilazzjoni rigressiva. L-assimilazzjoni seħħet billi l-konsonanti likwida 'm' jew 'n' tal-bidu assimilat mal-konsonanti ta' warajha hekk li fil-Malti dawn il-verbi ġew jibdew b'konsonanti mtennija. Skont id-dizzjunarji ewlenin, ħafna minn dawn il-verbi tnisslu mit-Taljan.

| **ikk+zokk** | **< i+kons. likwida (m/n)+zokk** |
|---|---|
| ibbottilja | < *imbottigliare* |
| iffastidja | < *infastidire* |
| ivvinta | Aq. < Tal. *inventare*. Qabbel mal-Isqalli *nvintari* (VS). |

F'dan il-grupp ta' verbi jista' jkun li l-għamla kif inhi fir-Rumanz daħlet ukoll fil-Malti u hija varjant tal-għamla li għandha l-konsonanti assimilati.

| | |
|---|---|
| iddebbolixxa ~ indebbolixxa | < *indebolire* |
| ikkolla ~ inkolla | < *incollare* |
| ippossessa ~ impossessa | < *impossessare*. Qabbel ma' (i) ppossieda < *possedere*. |

Hawn għandna l-ewwel dubju jekk l-'i' tinkitibx għax insibu min l-'i' tal-bidu xorta ma jqishiex etimoloġika ladarba fil-Malti seħħet l-assimilazzjoni u ġiet tixbah lill-verbi bil-ġeminazzjoni, eż. (i)ppreżenta < *presentare*. F'każijiet bħal 'ibbottilja', l-'i' għadha etimoloġika? F'għamliet doppji bħal 'ikkolla' u 'inkolla', l-'i' ta' 'ikkolla' titqies etimoloġika bħalma hija ta' 'inkolla'? Dan il-każ għandu jittieħed b'mod differenti minn dak li għandu għamla assimilata biss?

Jekk naċċettaw li dik l-'i' hija etimoloġika, jibqgħalna d-dubju li m'għandniex ċertezza ta' nisel xi wħud minn dawn il-kelmiet. Jekk il-verb 'ibbalzma' ġej mit-Taljan *imbalsamare*, l-'i' hija ċara. Imma jekk ġej mill-Isqalli, hemm żewġ għamliet, *imbalsamari* u *mbalsamari*.

iii) Din il-klassi ta' verbi hija magħmula minn dawk li fir-Rumanz jibdew bil-vokali 'a' li warajha jkun hemm konsonanti ġġeminata. Storikament seħħet assimilazzjoni tal-prepożizzjoni Latina *ad* mal-ewwel konsonanti tal-verb, eż. *ad* + *rabiare* = *arrabbiare*.[2] Fost il-verbi li fil-Malti baqgħu kif daħlu mir-Rumanz insibu *aċċenna* u *assedja*. Iżda hemm tendenza li fil-Malti dik il-vokali tkun 'i' f'ħafna mill-verbi missellfa.[3]

| Malti | Etimoloġija Rumanza |
|---|---|
| **ikk+ zokk** | **< akk+zokk** |
| ibbnazza | < Sq. *abbunazzari* (imma wkoll *bbunazzari*, VS) |
| iddobba | < Sq. *addubbari*/Tal. *addobbare* (VS sottoentrata *ddubbari*) |
| iddritta | Qabbel ma' Sq. *addrizzari* (VS) |
| iffaċċa/ iffaċċja | < Tal. *affacciare*. Imma qabbel mal-Isqalli *ffacciari* (VS). |
| iffranka | < Tal. *affrancare*/Sq. *affrancari*. Qabbel ma' Sq. *ffrancari* (VS). |
| igganċja | < Tal. *agganciare*/Sq. *agganciari*. Aq. jgħid li formazzjoni lokali. |
| iggrava | < Tal. *aggravare* |
| illaxka | Qabbel ma' Tal. *allascare*/Sq. *allascari/llascari* (VS). Aq. jgħid formazzjoni lokali. |
| immoderna | < Tal. *ammodernare* |
| irranġa | < Tal. *arrangiare* |
| issuġġetta | < Tal. *assoggettare* |

Issa jekk ir-regola tgħid li nżommu l-vokali etimoloġika, l-'i' tal-Malti f'dawn il-verbi nistgħu nqisuha rifless tal-vokali 'a' etimoloġika? Issib min jgħid li l-'i' għandha tinkiteb dejjem għax hemm vokali minflok oħra, rifless tal-vokali 'a'. Aquilina qiesha vokali tal-leħen.[4]

Għandna problema oħra. Fil-*Vocabolario Siciliano* nsibu li jingħataw għamliet varjanti ta' xi verbi u dawn jibdew bl-ewwel konsonanti mtennija. Ngħidu aħna, għall-verbi 'bbnazza' u 'ddobba' minbarra *abbunazzari* u *addubbari* jagħti s-sottoentrati *bbunazzari* u *ddubbari*. Mela minn liema varjant daħlu fil-Malti?

Id-dubju jkompli jikber jekk nieħdu kliem li tradizzjonalment jingħata b'etimoloġija Taljana imma jista' jkun li daħal mill-Isqalli. Ngħidu aħna, il-verbi 'iffaċċja' u 'ikkapparra' jista' jkun li daħlu mill-Isqalli *ffacciari* u *ccaparrari*, u mhux mit-Taljan *affacciare* u *accaparrare*?

iv) Insibu klassi oħra ta' verbi fir-Rumanz li tikkonsisti f'żewġ għamliet ta' verbi bl-istess zokk. Għamla minnhom għandha vokali fil-bidu li warajha hemm konsonanti ġġeminata, eż. *accerchiare*. L-għamla l-oħra tibda b'konsonanti biss, eż. *cerchiare*. Hawn ikollna d-dubju dwar minn liema varjant inkunu daħħalna l-kelma fil-Malti. Minn daqqiet it-tifsira tgħinna naslu għall-etimoloġija. Ngħidu aħna, il-verb 'iġġudika' tnissel minn *giudicare* (tagħti ġudizzju) u mhux minn *aggiudicare* li tintuża fil-kuntest ta' għoti ta' premjijiet jew ta' xi rkant.

F'każijiet oħra, niġu bejn ħaltejn għax iż-żewġ għamliet ikollhom semantika tixxiebah ħafna u waħda minnhom ikollha tifsira iktar intensiva. Minħabba f'hekk fil-Malti għandna problema dwar jekk għandniex niktbuhom bil-vokali tal-bidu jew le (jekk naċċettaw l-interpretazzjoni li l-'i' għandha tinkiteb anki jekk fl-etimoloġija hemm 'a'). Dan għax ma nafux eżatt minn liema varjant huma mnisslin, għalhekk it-tnejn jistgħu jitqiesu tajbin. Ħafna drabi t-tifsira ta' dawn il-pari ta' verbi hija l-istess jew tqarrab ħafna bħal *carezzare* ~ *accarezzare* (tmelles).

Id-dizzjunarju ta' Aquilina aktarx jagħti għamla waħda minnhom fl-etimoloġija imma fil-fatt m'hemmx bżżejjed xhieda li turi minn liema għamla ġejjin. Ħafna drabi Aquilina jnissilhom mill-għamla li tibda bil-konsonanti u speċifikajt fil-lista meta jagħmel dan.

| | |
|---|---|
| iċċentra | < *accentrare* ~ *centrare* (Aq.); tifsir ftit differenti imma marbut |
| iffissa | < *affissare* ~ *fissare* (Aq.) |
| iġġonta | < *aggiuntare* ~ *giuntare*, Aq. < *giontare*. |
| ikkaġuna | < *accagionare* ~ *cagionare* (Aq., imma fl-1973 jagħti *accagionare*)[5] |
| ipponta (lejn xi ħadd) | < *appuntare* ~ *puntare* (Aq.) |
| ipprofitta | < *approfittare* ~ *profittare* (Aq.; qabbel ukoll ma' 'approfitta') |
| irriskja | < *arrischiare* ~ *rischiare*, (Aq. < *rischiare/risicare*) |
| issekonda | < *assecondare* ~ *secondare* (Aq.) |
| ivvantaġġja | < *avvantaggiare* ~ *vantaggiare* (arkajk, Aq.) |

Insibu xi pari ta' kliem omonimu li nafu fiż-żgur in-nisel tiegħu minħabba d-distinzjoni semantika. F'dan il-każ, kif jidher fit-Tabella 1 hawn taħt, l-ortografija mhux bilfors tkun l-istess.

v) F'din il-kategorija nsibu xi kelmiet li fil-Malti jibdew bil-prefiss 'in-' waqt li fl-etimoloġija Sqallija jibdew bil-vokali 'a' segwita minn konsonanti ġġeminata. Għalhekk ma nafux jekk l-'i' fil-Malti hijiex tal-leħen jew parti mill-kelma. Ara t-Tabella 2.

### Kliem li nsibuh miktub bl-'i' imma...

L-atti nutarili Medjevali miktubin bl-Isqalli li nstabu Malta jagħtuna stampa ċara tal-Isqalli użat Malta u li aktarx daħal fil-Malti. Nomi bħal 'ingwanta' u 'investa' jidhru miktubin bl-'i' etimoloġika. Madankollu, mill-inqas mis-seklu dsatax fid-dizzjunarji Sqallin jidhru regolarment miktubin mingħajrha.

Hawn qed jidhru ż-żewġ forom għax mill-ftit dokumenti li għandna jidher li fil-Medju Evu kienu jinkitbu biha, xhieda li daħlu fil-Malti bl-'i' etimoloġika. Dawk li jinsabu ddokumentati tniżżlu bħala varjanti u warajhom hemm id-data tad-dokument.[6]

### Verbi

imblokka ~ mblokka < *mbluccari*
imborġa ~ mborġa < *mburgiari* (Varvaro/VS)
imbotta ~ mbotta < *mbuttari* (VS). Aq. jagħti *buttari*. Qabbel mal-Kalabriż *mbuttari*.
inċana ~ nċana < *ncianari* (VS). Qabbel ma' 'iċċana' < *cianari* (VS). L-għamliet *chianari/nchianari* huma mbegħdin fonetikament.
inġazza ~ nġazza < *nghiazzari* (VS)
inkaxxa ~ nkaxxa < *ncasciari* (VS)
inzerta ~ nzerta < *nzirtari*

### Nomi u aġġettivi

impoppa ~ mpoppa: Qabbel mal-verb *mpuppari* (VS)
inċirata ~ nċirata < *ncirata* (Mort./VS)/ *inchiratj* (1521)
inċova ~ nċova < *nciova* (VS). Qabbel ukoll ma' *anciova*
inforra ~ nforra < *nfurra*. Qabbel ma' *infurra* (1487)

| **Tabella 1: Pari Omonimi** | |
|---|---|
| **Bl-'i' etimoloġika** | **Bil-vokali tal-leħen** |
| illustra < *illustrare* (= fiehem/pinġa) | (i)llustra < *lustrare* (= għamel ileqq) |
| investa (v.) < Tal. *investire* | (i)nvesta (n.) < Sq. *nvesta* |
| invita < Tal. *invitare* (= stieden) | (i)nvita < Sq. *nvitari* (= issikka bil-vit) |
| **Bl-i dejjem?** | **Bil-vokali tal-leħen** |
| iffonda < *affondare* (= għereq) | (i)ffonda < *fondare* (= waqqaf, eż. għaqda) |
| immolla < *ammollare* (beda jimmolla fuq is-siġġu) | (i)mmolla < *mollare* (= *to relent*: beda jimmolla jibqax jew le) |
| innota < *annotare* (= *to annotate*: eż. qed jinnota l-ktieb) Varjant: annota | (i)nnota < *notare* (= *to notice, note*) |
| issomma < Sq. *assummararisi* (= ċċassa) | (i)ssomma < Tal. *sommare* (= għadd flimkien) |

| **Tabella 2: Għamliet Maltin li ma jaqblux mal-etimoloġija Rumanza** | |
|---|---|
| **Verb bil-prefiss in** | **Għamla Rumanza li toqrob** |
| indanna ~ ndanna | Qabbel ma' Sq. *addannarisi* (VS) imma wkoll *ddannarisi*. |
| indokra ~ ndokra | Qabbel ma' Sq. *adducchiari* bl-istess tifsira. Skont Aq., Barbera jagħti l-għamla *nducchirari* imma ma tidhirx f'dizzjunarji Sqallin. |
| induna ~ nduna | De Soldanis jagħti 'adduna' < *addunarisi*. |
| inġusta ~ nġusta | Aq. jnissilha mill-Isqalli *aggiustari*, imma t-tifsira differenti. VS jagħti *ggiustari* wkoll. |

ingwanta ~ ngwanta < *nguanta*. Qabbel ma' *Jnguanti* (1530)

ingwent ~ ngwent < *nguentu*. Aq. jnisslu mit-Tal. *unguento*.

inkrepattiv ~ nkrepattiv/nkripattiv < *ncripativu*

inkwina ~ nkwina < *ncuina* (VS). Aq. < *ancuina*.

intrata ~ ntrata < *ntrata* (VS)[7] Qabbel ma' *Jntrata* (1520). L-għamla varjanti 'entrata' daħlet mit-Taljan.

investa ~ nvesta (tas-sodda) < *nvesta* (VS). Qabbel ma' *investa* (1495)

Bosta minn dawn il-kelmiet jixbhu għamliet b'etimoloġija Taljana li jżommu l-vokali 'i' bħal 'impjega' < *impiegare* u 'ingrana' < *ingranare*.

**Kif tintwera fid-dizzjunarju**

Fid-dizzjunarju tiegħu, Aquilina ġieli kien inkonsistenti għal kliem Rumanz b''i' fil-bidu. Ngħidu aħna, il-verb 'immaġina' għalkemm ġabu taħt il-lemma ewlenija 'immaġni' taħt l-ittra 'i', jagħtih ukoll taħt l-ittra 'm' bħala sottoentrata u l-'i' poġġieha fil-parentesi daqslikieku kienet tal-leħen. Dan huwa każ rari. Verb b'etimoloġija inqas ċara bħal 'impara' jagħtih kemm taħt 'i' u kemm taħt 'm'.

Fil-każ ta' verbi li fil-Malti jistgħu jibdew bl-'i' u fit-Taljan jibdew bl-'a', Aquilina dik l-'i' jqegħedha fil-parentesi għax iqisha tal-leħen, għalhekk il-kliem jidher taħt l-ewwel konsonanti, eż. (i)rranka. Imma mbagħad meta taha taħt l-entrata ewlenija (rankatura), kitibha bl-'i' mingħajr parentesi u ġġibilna dubju qishiex parti mill-kelma ladarba kliem Semitiku meta mqiegħed taħt l-entrata prinċipali kitbu mingħajr vokali tal-leħen, eż. 'mterqa'.

**Il-kurrenti ewlenin għall-interpretazzjoni tar-regola**

Din ir-regola toħloq ambigwità fl-ortografija minħabba l-etimoloġija dubjuża ta' ħafna minn




**Fil-facebook:** parti minn konverżazzjoni bejn xi membri tal-grupp Kelmet il-Malti dwar ir-regola li qed tiġi diskussa f'dan l-artiklu. Il-kummenti jirriflettu l-opinjoni tagħhom fil-mument li ġiet espressa.

dan il-kliem Rumanz, għalhekk hemm interpretazzjonijiet differenti tagħha.

1. L-ewwel interpretazzjoni hija li ladarba storikament kelma kienet tibda b'vokali oħra, l-'i' għandha tinkiteb dejjem għax hija rifless tagħha. Ngħidu aħna, 'irrabja' u 'induna' jinkitbu dejjem bl-'i' jekk inhu aċċettat li ġejjin minn *arrabbiare* u *addunarisi*. L-iżvantaġġ ta' dan ir-raġunament huwa li min jikteb bil-Malti jrid ikollu għarfien tal-etimoloġija Rumanza. Jibqa' l-fatt li m'hemmx ċertezza dwar nisel dawn il-verbi.

2. It-tieni interpretazzjoni hija li sakemm ma nafux fiż-żgur li fl-etimoloġija l-kelma kienet tibda b''i', fil-każijiet l-oħra ma niktbuhiex ħlief meta l-kelma ta' qabel tintemm b'konsonanti. Mela fi kliem bħal 'importanti' u 'interpreta', l-'i' tinkiteb dejjem għax nafu li tnisslu mit-Taljan *importante* u *interpretare*. Imma meta naċċettaw li fl-etimoloġija l-kelma tibda bil-vokali 'a', eż. *arrabbiare*, fil-Malti l-'i' ta' 'rrabja' titqies vokali tal-leħen.

Fi kliem ieħor, nistgħu nagħtu kas tad-derivazzjonijiet minn kull zokk. Jekk hemm zokk li d-derivazzjonijiet tiegħu kollha jibdew bl-'i', il-vokali 'i' tinkiteb f'kull każ. Eż. n. 'interpretu', 'interpretazzjoni' – v. 'interpreta'.

Jekk miz-zokk hemm derivazzjonijiet li ma jibdewx bil-vokali ‘i’, mela l-verb jinkiteb bla ‘i’. Din tista’ ssolvi l-problema tal-verbi li fl-etimoloġija jistgħu jibdew bl-‘a’.

Eż. n. arranġament – v. rranġa; n. rabja – v. rrabja

L-‘i’ ma tinkitibx ukoll jekk fil-Malti ma daħlux derivazzjonijiet oħra mill-istess zokk bħal ‘(i)rrokka’ u ‘nduna’.

Jista’ jkollna l-problema li xi verbi m’għandhomx etimoloġija ċara. Ngħidu aħna, ‘ivvinta’ u ‘invenzjoni’ ġejjin mill-istess zokk jew wieħed mill-Isqalli (bla i) u l-ieħor mit-Taljan?

3. F’din l-interpretazzjoni, l-‘i’ tinkiteb kull fejn hemm ċertezza li kelma tibda biha, eż. immaġina < *immaginare*, imma bil-maqlub ta’ qabel, tinkiteb ukoll jekk fl-etimoloġija huwa aċċettat li kienet ‘a’ meta verb m’għandux derivazzjonijiet, eż. ‘irrokka’; jew id-derivazzjonijiet jibdew bl-‘a’ biss: ‘irranġa’ < *arrangiare* (+ *arrangiatore*, *arrangiamento*, eċċ).

Meta hemm verb li fl-etimoloġija jibda bl-‘a’ imma d-derivazzjonijiet l-oħrajn mill-istess zokk ikunu jibdew b’konsonanti, allura l-‘i’ titqies tal-leħen. Mela skont din l-interpretazzjoni, l-‘i’ fil-verb ‘ivvelena’ hija tal-leħen għax hemm in-nom ‘velenu’.

4. Hemm min jagħżel li jwaqqa’ l-‘i’ kull meta hemm konsonanti ġġeminata fil-bidu u b’hekk isolvi l-problema li jistgħu jitħalltu ma’ verbi li fil-Malti jtennu l-ewwel konsonanti. Jikteb ‘mmaġina’ u ‘vvinta’ bħalma jikteb ‘ppretenda’.[8]

5. Din tista’ titqies ‘proposta’ li ma timxix mar-regola imma hemm min issuġġerieha. Minħabba li hemm dubju mill-etimoloġija ta’ ħafna minn dan il-kliem, l-‘i’ tista’ titqies vokali tal-leħen f’kull każ. Din il-proposta tidher prattika għax ma tħarisx lejn l-etimoloġija. Għandha l-vantaġġ li tħaffef l-ortografija u tagħfas fuq il-prinċipju fonetiku. Mill-banda l-oħra tista’ titqies estremista għax tneħħi l-‘i’ ta’ kliem li ndara jinkiteb dejjem biha bħal ‘immaġina’ u ‘indipendenti’ li jinsabu wkoll fl-Ingliż u hemm tradizzjoni li jinkitbu hekk.

### Għeluq

Din kienet ħarsa ħafifa fuq xi verbi u ftit nomi li għad għandna dubju jinkitbux kollha bl-‘i’ fil-bidu. Id-diffikultà tiġi minħabba l-fatt li fit-taħdit din il-vokali tal-bidu ma titlissinx meta l-kelma ta’ qabilha tintemm b’vokali għax iġġib ruħha bħala vokali tal-leħen.

L-akbar problema f’din ir-regola hija l-kriterju etimoloġiku li timxi fuqu. Mill-eżempji miġjuba ħareġ li hemm inċertezza kbira f’nisel il-kliem għax m’għandniex biżżejjed xhieda

**Tabella 3: Il-ħames interpretazzjonijiet ewlenin tar-regola tal-‘i’**

| | Interpretazzjoni | Eżempji |
|---|---|---|
| **1** | +i kull każ | importa, induna, irrokka |
| **2** | +i familja bl-i<br>-i bla derivazzjonijiet<br>-i derivazzjonijiet bla i | importa, importatur<br>nduna, rrokka<br>rranġa (għax ‘arranġament’) |
| **3** | +i familja bl-i<br>+i bla derivazzjonijiet<br>+i deriv. kollha b’a etim.<br>-i derivazzjonijiet bla i | interessa, interessanti<br>induna, irrokka<br>irranġa (Tal. *arrangiare*)<br>rrabja, vvelena |
| **4** | -i quddiem konsonanti ġġeminati | rrabja, mmaġina, vvinta |
| **5** | -i kull każ | mporta, nduna, rranġa |

storika. Għal kliem bl-'i' fil-bidu li għandu l-istess għamla fl-Isqalli u fit-Taljan għandu jsir studju biex jinsab minn liema lingwa daħal tassew. Kull każ għandu jkun studjat bir-reqqa sabiex jekk tittieħed deċiżjoni, kemm jista' jkun jiġu solvuti ħafna dubji u min-naħa l-oħra ma jinbtux oħrajn.

Inkella, min jieħu deċiżjoni jista' jħares 'l hinn mill-kriterju etimoloġiku, u jimxi fuq kriterji oħrajn bħal dawk fonetiċi u morfoloġiċi, ladarba għandna dubji kbar f'nisel il-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem.

**Taqsiriet:**
Aq. Aquilina, *Maltese-English Dictionary* (2 vol.)
(i) = vokali tal-leħen
Sq. Sqalli
Tal. Taljan
VS Vocabolario Siciliano (5 vol.)

**Biblijografija**

Akkademja tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004.
Aquilina, Joseph, 'Verbs', *Journal of Maltese Studies*, 8, 1973.
— *Maltese-English Dictionary* (vol.2). Malta: Midsea, 1987-90.
Bezzina, Daniel, *Dokumentazzjoni Lokali tal-Kliem Sqalli li daħal fil-Malti fis-Sekli 15 u 16*. Teżi tal-B.A. (Unuri), l-Università ta' Malta, 2011.
Brincat, Joseph, *Maltese and Other Languages*. Malta: Midsea, 2011.
Fenech, Reno, 'Il-vokali 'i' fil-bidu ta' kliem Rumanz: etimoloġika jew tal-leħen?' *Il-Malti* (fl-istampa).
Fiorini, Stanley, *Documentary Sources of Maltese History*. Malta: Malta University Press, 1996-1999.
— 'Ut vulgo dicitur. Pre-1600 materials for a documented etymology of Maltese', f'P. Xuereb (ed.), *Karissime Gotifride*. Malta: Malta University Press, 1999.
Manwel Mifsud, *Loan verbs in Maltese*. Leiden: Brill, 1995.
Piccitto, Giorgio (ed.), *Vocabolario Siciliano* (vol.5) Centro di studi filologici e linguistici siciliani, Opera del Vocabolario siciliano, 1977-2002.

**Noti**

[1] Ara, ngħidu aħna, Brincat (2011: 104-106) u Fiorini f'P. Xuereb (2009: 161-176).
[2] Ara Mifsud (1995: 161).
[3] Aquilina kien ġabar uħud minnhom. Ara Aquilina (1973: 96-98).
[4] F'Aquilina (1973:1987-90) ara, '(i)kkapparra' taħt il-'k' u '(i)rrabja' u '(i)rranġa' taħt ir-'r'.
[5] Ara Aquilina (1973: 96).
[6] Qed nikkwota mill-volumi ta' Fiorini (1996-1999) u Bezzina (2011).
[7] Għandna xhieda bikrija tagħha bil-vokali 'i' f'nofs is-seklu 16. Ara Bezzina (2011: 139).
[8] Din l-interpretazzjoni ħarġet mid-diskussjoni li saret fi tmiem it-taħdita li kont għamilt bl-għajnuna tal-Akkademja fil-21 ta' Mejju 2013.

*Reno Fenech huwa l-Assistent Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, riċerkatur u qarrej tal-provi*

~ • ~

# Ix-xejriet tal-Malti II: Il-lat verbali ta' lsienna

**Mark Amaira**

Il-kunċett tal-imriewaħ juri xejriet, xeħtiet jew xaqlibiet ta' xi karatteristiċi li jkanġu f'xulxin bejn żewġ estremi. Filwaqt li fl-artiklu tal-edizzjoni li għaddiet xħett il-Malti bejn l-estremi temporali u spazjali, f'dan l-artiklu l-estremi huma nominali u verbali, b'bosta tkanġijiet bejniethom.

Ngħidu aħna, f'din l-imrewħa l-aġġettiv joqgħod sewwasew bejn il-verbi u n-nomi. Xi drabi jitħaddem bħala aġġettiv stess, eż. *Il-ktieb il-ġdid ħareġ*, u xi drabi daqslikieku nom, eż. *Is-sabiħ kulħadd jaf jagħżlu*, filwaqt li l-verb xi drabi jitħaddem bħala verb stess, eż. *It-tifel ħareġ bir-rota*, u xi drabi bħala aġġettiv, eż. *Kitla taħraq tmisshiex*.

Tradizzjonalment il-Malti jissejjaħ lingwa verbali, tant li l-verb fis-sentenza jitqies il-pern li fuqu jduru l-bqija tal-kostitwenti sintattiċi: is-suġġett, l-oġġett, eċċ.




Sa ċertu punt dan huwa minnu għax, oħroġ il-għaġeb, il-verb Malti – ngħidu aħna fis-sentenza tranżittiva *It-tifel seraq tuffieħa* – jirnexxilu jaħfen il-kwalitajiet grammatikali tas-suġġett bħall-għadd u l-ġens, f'dan il-każ singular maskil, tant li jkun jista' jgħaddi mingħajr is-suġġett, eż. *Seraq tuffieħa*; u fl-istess waqt mal-verb jistgħu jinhemżu għadd ta' suffissi pronominali li ħafna drabi jkunu jirreferu għall-oġġett dirett, l-oġġett indirett, jew it-tnejn li huma, u li permezz tagħhom il-verb fis-sentenza jkun jista' jgħaddi mingħajr l-oġġetti, eż: *It-tifel seraqha* jew sempliċiment *Seraqha*.

Meta niġu għall-ordni tal-kostitwenti, f'sentenza intranżittiva, eż. *It-tifel raqad*, aktarx li fit-tħaddim, l-aktar il-mitħaddet, nixħtu l-verb qabel is-suġġett: *Raqad it-tifel* jew *Miet il-fundatur tal-Mużew*. Dan il-ħsieb jgħodd ukoll għas-sentenzi tranżittivi, eż. *Seraq tuffieħa t-tifel* jew *Ta ktieb lit-tifel il-kappillan*.

Minbarra l-ordni tal-kostitwenti partikolari li jaf iħaddem ilsienna li jixħet il-frażi verbali fil-bidu nett tas-sentenza, dawn l-eżempji joħorġu fid-dieher li, b'differenza minn xi ideat tradizzjonali, fis-sentenza l-verb Malti joqgħod aktar qrib l-oġġett milli s-suġġett, speċjalment l-oġġett dirett.

F'kitbietna nissuġġerixxi li ma nbegħdux lil dawn l-elementi u għaldaqstant minflok *Il-Kummissjoni sejħet fil-5 ta' Mejju lill-partijiet ikkonċernati biex jieħdu sehem fid-diskussjoni*, nixħtu l-verb 'sejħet' qrib l-oġġett immarkat bil-'lil', jiġifieri *Fil-5 ta' Mejju l-Kummissjoni sejħet lill-partijiet ikkonċernati biex jieħdu sehem fid-diskussjoni*.

Fuq ix-xaqliba l-oħra, jiġifieri fuq dik in-naħa inqas verbali tal-imrewħa, jinxteħtu dawn is-sentenzi li l-Prof. Borg f'*Ilsienna*[1] jsejħilhom sentenzi bla verb, eż. *It-tifel id-dar* jew *It-tifel marid*. Din in-naħa tal-imrewħa hi ferm aktar imħabbla u teħtieġ aktar stħarriġ, speċjalment meta bejniethom tidħol l-hekk imsejħa espressjoni kopulari, bħal 'hu', 'jinsab' jew 'qiegħed' li jsemmi Borg stess, eż. *It-tifel qiegħed id-dar* jew *It-tifel jinsab marid*, u li skontu jgħaqqdu s-suġġett, f'dal-każ 'it-tifel', mal-bqija tal-predikat; u tkompli titħabbel ferm aktar meta din l-espressjoni kopulari tinzerta verb, eż. *It-tifel ħareġ marid*.

Fl-idjolett tiegħi, bosta espressjonijiet ikunu jdoqqu aktar ħelu jekk jinkitbu bil-verb minflok b'elementi oħrajn. Ngħidu aħna, fil-Malti, fejn jidħlu s-sentenzi passivi jixraq li nużaw aktar il-forma verbali tal-passiv meta dan ikun possibbli, minflok inħaddmu l-għamla tal-parteċipju, għax ngħiduha kif inhi, il-parteċipju fil-Malti hu sottokategorija tal-aġġettiv. Allura, billi hu possibbli, minflok *Id-deċiżjoni ġiet meħuda mill-Kap*, kieku jien nippreferi nikteb *Id-deċiżjoni ttieħdet mill-Kap*. Dan jgħodd ukoll għal każijiet bil-parteċipju passiv, bħal ngħidu aħna *Kif indikat fit-Trattat* u *Kif imsemmi fl-Artikolu*. Għal dawn l-aħħar żewġ eżempji jien nissuġġerixxi verżjonijiet aktar verbali bħal *Kif jindika t-Trattat* u *Kif jissemma fl-Artikolu* jew *Kif isemmi l-Artikolu*.

Iżda billi f'xogħolna nużaw ħafna s-sentenzi passivi filwaqt li r-rwol proprja tal-passiv hu li

[1] Borg, Albert (1988) *Ilsienna*. Malta

jostor l-aġent, jiġifieri lill-'Kap' fil-każ tal-eżempju *Id-deċiżjoni ġiet meħuda mill-Kap*, ikun tajjeb li nevitaw l-għamla bil-'minn' li qed insemmi u minflokha nesperimentaw bil-forma tal-hekk imsejjaħ psewdo-passiv, eż: *Id-Deċiżjoni ħadha l-Kap* jew *Il-Kap ħadha d-Deċiżjoni* għax din hi tassew naturali għal ilsienna, jew inkella nirrikorru mill-ewwel għall-forma attiva *Il-Kap ħa d-Deċiżjoni*.

Il-preferenza lill-verb tgħodd ukoll meta niġu bejn ħaltejn nagħżlux verb jew nom verbali. Lil hinn mill-ideat ta' formalità, anke f'dal-każ, il-verb idoqq aktar ħelu u allura minflok *L-iżgurar ta' soċjetà ġusta* fit-titlu tad-dokument, kieku jien nikteb *Niżguraw soċjetà ġusta* għax il-verb fl-ewwel persuna plural jgħodd ferm għal kuntesti bħal dawn. F'xi kuntest nistgħu nħaddmu wkoll l-istruttura bil-partiċipju li semmejt qabel, eż: *U din il-miżura tgħin biex tkun/tiġi żgurata soċjetà ġusta*.

Fl-aħħar nett, jidher li fil-Malti l-katina tal-verbi, eż. *jerġa' jibda jgħodd*, issibha bi tqila biex tinferaq. Fil-letteratura teknika jissemmew għadd ta' eċċezzjonijiet li jippermettu filsa bejn xi żewġ verbi fil-katina verbali; iżda fil-biċċa l-kbira nett, il-Malti jgħaddi mingħajr filsa bejn il-verbi u minflok jixħithom xi mkien ieħor fis-sentenza, aktarx qabel jew wara l-katina. Għaldaqstant, minflok *U allura jkollna xi drabi nerġgħu nibdew mill-bidu* aħjar niktbu *U allura xi drabi jkollna nerġgħu nibdew mill-bidu*; jew minflok *It-tifel beda diġà jpejjep* aħjar niktbu *It-tifel diġà beda jpejjep* jew forsi *It-tifel beda jpejjep diġà*. Minflok *Il-Kunsill reġa' għalhekk beda l-proċess mill-bidu*, nissuġġerixxi li nużaw *Għalhekk il-Kunsill reġa' beda l-proċess mill-bidu*.

Din id-diskussjoni sintattika ma ssibx temma. U dan l-artiklu, minkejja li mtappan sew bi preferenzi personali, iħaddan ċertu ideat li f'kitbietna jħeġġu Malti aktar mexxej.

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

## Mistoqsija u tweġiba

**Prof. Manwel Mifsud**

**Mistoqsija**: Liema hi t-tajba: 'ħtiġiet' jew 'ħtiġijiet'?

**Tweġiba**: Fil-Malti, fost is-suffissi tal-plural sħiħ insibu kemm ***-iet*** u kemm ***-ijiet***.

Hemm it-tendenza ġenerali li l-kliem li fis-singular jispiċċa bl-'a' jieħu *-iet*, eż. *ġrajja/ġrajjiet*, u l-kliem li jispiċċa b'konsonanti jew b'vokali oħra (barra '-a') jieħu *-ijiet*, eż. *missier/missirijiet*, *torri/torrijiet*, *soru/sorijiet*. Skont din it-tendenza, wieħed għandu jistenna li l-plural ikun 'ħtiġiet', u fil-fatt issib min jissuġġerilek li tuża 'ħtiġiet' biss.

Imma fil-lingwa hemm iktar minn dinamika waħda, kif fit-temp hemm iktar minn riħ wieħed... u ġieli riħ ikun kontra ieħor u jegħlbu jew jitħallat miegħu. Fil-fatt, fil-Malti hemm ukoll tendenza kurjuża li ċertu zkuk qosra jsibu mezz biex jitwalu ftit ħalli jlaħħqu ma' sħabhom u jinħassu iktar regolari. Jista' jkun li kienet din ir-raġuni għaliex ħafna Maltin il-kelma 'ħtiġiet' donnhom ħassewlha xi ħaġa nieqsa u żidulha s-suffiss *-ijiet*: 'ħtiġijiet', plural li llum sar bil-wisq iktar popolari.

Ma hemm xejn ħażin f'dan – min juża 'ħtiġiet' u min juża 'ħtiġijiet'. Fil-fatt, it-tnejn meqjusin tajbin.

Din l-ispjega, flimkien ma' oħrajn, issibha fil-paġna tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: **http://www.kunsilltalmalti.gov.mt** (it-taqsima 'Il-Kelma Maltija')

## In-nomi verbali

Leanne Ellul

F'din il-kitba se nibda billi nispjega x'inhu n-nom; nelenka tipi differenti ta' nomi, fosthom in-nom verbali, u niddiskutihom, u fl-aħħar ngħaddi biex niddiskuti diversi possibilitajiet li joffrulna n-nomi verbali u li xi drabi nsibuha iebsa biex nagħżlu bejniethom.

Meta wieħed iqis it-tipi ta' nomi li jeżistu, jintebaħ li t-terminu 'nomi' xejn mhu omoġenju. Dawn it-tipi, fost l-oħrajn, jingħażlu minn xulxin abbażi tal-parti tad-diskors li jkunu mnisslin minnha, il-binja tagħhom jew it-tifsir ġenerali tagħhom.

Xi nomi mnisslin mill-verbi huma
1. in-nomi tal-post: *taħan* > *mitħna*
2. in-nomi tal-għodda: *qadef* > *moqdief*
3. in-nomi tal-aġent/ħaddiem: *kiteb* > *kittieb*
4. in-nomi verbali: *ħarreġ* > *taħriġ*

Minħabba li dawn in-nomi jitnisslu mill-verbi u ħafna drabi jirtu t-tifsir tagħhom, numru ta' grammatiki jsejħulhom 'nomi verbali.' Din il-pożizzjoni tpoġġina f'diffikultà meta niġu biex nidentifikaw x'inhuma n-nomi verbali f'termini ta' tismija. Għaldaqstant, minn issa 'l quddiem, kull referenza għal nomi verbali se tkun għal "…the action or the state denoted by the stem and can be translated as 'the act of ...ing' or 'the state of being...' respectively. It is found with all verbal themes except those which have a passive meaning, which normally make use of the Verbal Noun of the corresponding active theme" (*Loan* 40), eżempju *ksur* < *kiser*.

Din id-definizzjoni tagħtina indikazzjoni ċara tar-rabta li hemm bejn in-nomi verbali u l-verbi u allura elementi ta' tifsir komuni bejn it-tnejn, bħal *ħarbat*: ma ħalliex l-affarijiet f'posthom jew iddiżorganizza; u *tħarbit*: devastazzjoni, diżorganizzazzjoni jew rovina ta' xi ħaġa.




Disinn: Jennifer De Barro

Parti tad-diskors oħra li xi drabi ġġorr elementi tat-tifsir komuni tal-verb u n-nom verbali hi n-nom verbali tal-unità li juri "...a single occurance of the action..." (*Loan* 40).

In-nomi verbali mhux talli għandhom rabtiet semantiċi mal-verbi li jkunu ġejjin minnhom iżda wkoll għandhom forom stabbiliti marbuta ma' dawn il-verbi u li jagħmluhielna iktar faċli biex nidentifikawhom. It-Tabella 1, hawn taħt, turi l-forom tan-nomi verbali li joħorġu mill-ewwel forma tal-verbi (il-'verbal theme').

Minkejja dan, insibu verbi li jinqdew b'suriet ta' nomi verbali li normalment ma jkunux assoċjati magħhom. It-Tabella 2, hawn taħt, tiġbor ħames pari ta' żewġ possibilitajiet ta' nomi verbali li sikwit iħabbtuna biex nagħżlu bejniethom.

Minn issa 'l quddiem se nittratta wħud minn dawn il-każijiet b'mod individwali bl-għan illi jixħtulna dawl fuq l-analiżi ta' nomi verbali oħrajn. Ngħidu aħna, f'każi fejn insibu għadd ta' nomi verbali marbuta m'għerq komuni, bħal *ksur*, *tiksir* u *tkissir*, jiġri illi dawn il-possibilitajiet iwassluna biex xi drabi nibdew nużaw sura iktar minn oħra. Il-fatt illi nomi verbali tat-tieni u l-ħames forma jinqdew bis-sura t1v22ī3 (bħal *tkissir*) hu attribwit għall-fatt li "in Arabic Maltese itself there is an effort to stabilize the stem…" ("The Productivity" 159) u għalhekk l-użu tas-sura tv12ī3 (bħal *tiksir*) qed jonqos minħabba l-qrubija formali li teżisti bejn il-verb tat-tieni forma u s-sura tan-nom verbali t1v22ī3.

| | |
|---|---|
| il-verb tat-tieni forma | **1v22v3** |
| in-nom verbali | **t1v22ī3** |

| **Tabella 1** | | | |
|---|---|---|---|
| l-ewwel forma verbali | forom tan-nomi verbali | forom ta' xi varjanti tan-nomi verbali | forom tan-nomi verbali tal-unità |
| **1v2v3** | | | |
| feraħ | ferħ **(1v23)** | qali **(1v2v)** | ferħa **(1v23a)** |
| gideb | gideb **(1v2v3)** | | gidba **(1v23a)** |
| siket | skiet **(12v̄3)** | għeluq **(1v2v3)** | sikta **(1v23a)** |
| ħiet | ħjata **(12$^{a}$3a)** | | ħjata **(12$^{a}$3a)** |
| għex | għajxien **(1v23$^{a}$n)** | | |
| ħafer | maħfra **(mv123a)** | mibegħda **(mv1v23a)**<br>mħabba **(m1v22a)**<br>miġja **(mv12a)** | |

| **Tabella 2** | | |
|---|---|---|
| **trilitteri** | **nom verbali tal-ewwel forma**<br>*bini* | **nom verbali tal-unità tal-ewwel forma**<br>*binja* |
| | **nom verbali tal-ewwel forma**<br>*dlik* | **nom verbali tat-tieni forma**<br>*tidlik* |
| | **nom verbali tat-tieni forma**<br>*tiksir* | **nom verbali tat-tieni forma**<br>*tkissir* |
| | **nom verbali tal-unità tal-ewwel forma**<br>*bidla* | **nom verbali tal-unità tat-tieni forma**<br>*tibdila* |
| | **nom verbali tal-unità tat-tieni forma**<br>*taħwida* | **nomi verbali tal-unità tal-ħames forma**<br>*tħawwida* |

Tajjeb ninnutaw li n-nom verbali fis-sentenza numru 3 li ġejja huwa aktar probabbli li jintuża minn *tiksir*, bħal 'It-*tiksir* tal-važun.'

1. It-tieni forma verbali :: It-tifel *kisser* il-važun.
2. Il-ħames forma verbali :: Il-važun *tkisser* mit-tifel.
3. In-nom verbali :: It-*tkissir* tal-važun mit-tifel.

F'każ simili, bħal *taħwida* – *tħawwida*, għad illi *taħwida* taqdina tajjeb ħafna, qed niltaqgħu mat-tendenza li tintuża ferm iktar is-sura *tħawwida*.

Xi drabi nsibu qrubija semantika bejn in-nomi verbali għaliex din diġà tkun teżisti bejn il-verbi li jkunu ġejjin minnhom, bħal *bidel* > *bdil* u *biddel* > *tbiddil*. Hawnhekk il-kollokazzjonijiet, jiġifieri "…the habitual co-occurance of individual lexical items" (Cyrstal 82), jistgħu juruna xi differenzi bejn in-nomi verbali u allura jgħinuna nagħżlu bejniethom. Meta nitkellmu fuq kollokazzjonijiet inkunu qed nirreferu għal kliem li normalment insibuh ħdejn kliem ieħor; pereżempju n-nom verbali tal-unità *ħalba* għandu kollokazzjoni għolja man-nom *xita* u aktarx li ħafna drabi l-kelma *ħalba* nsibuha użata miegħu, jiġifieri *ħalba xita*. Ara t-Tabella 3 hawn taħt.

L-MLRS, il-korpus tal-Malti, jindikalna li l-verbi *bidel* u *biddel* u n-nomi verbali *bdil* u *tibdil*, kollha bl-għerq BDL, insibuhom użati l-aktar fl-istess tliet oqsma, dak akkademiku, dak legali u dak letterarju u għalhekk ma nistgħux nagħmlu distinzjoni bejniethom abbażi ta' dan.

Fit-teżi tiegħu tal-Ph.D. *A Tale of Two Morphologies*, meta jitkellem dwar is-sinonimi assoluti (jiġifieri kliem li jfisser eżattament l-istess, bħal *xefaq* u *orizzont*) fosthom *bidel* u *biddel*, Spagnol jgħid hekk: "Both *bidel* and *biddel* collocate freely with a noun like kors 'course', e.g., *bidel il-kors* and *biddel il-kors* 'he changed his course (of study)'. However, clothing items and topics, for example, typically co-occur with *biddel*, e.g., *biddel il-qmis* 'he changed his shirt', *biddel id-diskors* 'he changed the subject', but not with *bidel*. Note that *bidel il-qmis* is actually attested, but with a different meaning, 'he swapped or exchanged the shirt'." (Spagnol 119) F'każ bħal dan, il-qrubija semantika fil-verbi tintiret min-nomi verbali u għalhekk il-possibilità ta' għażla mhux qed tinħoloq biss min-nomi verbali imma nsibuha saħansitra fil-verbi.

Minkejja li ċerti tendenzi jgħinuna nagħżlu bejn nom verbali u ieħor, xi drabi l-għażla ma tkunx waħda faċli, u għalhekk ikollha tittieħed

| **Tabella 3** | | | |
|---|---|---|---|
| verbi | | **bidel** | **biddel** |
| | kollokazzjoni[1] | diska<br>(valur) nominali<br>fehmtu | (xi ħaġa) tiegħu<br>rotta<br>fehmtu |
| nomi verbali | | **bdil** | **tibdil** |
| | kollokazzjoni | klima (209 darbiet)<br>*mains*<br>bozoz | klima (1,648 darba)<br>sar (u inflessjonijiet tagħha)<br>ekonomiku |

[1] Din hi għażla fl-ordni li fiha tidher fl-MLRS wara li neħħejt il-partiċelli, l-artikli u/jew il-pronomi personali mil-lista tal-kollokazzjonijiet.

l-aktar deċiżjoni effettiva, ngħidu aħna kif jidher li jiġri f'ħafna dokumenti tal-Unjoni Ewropea fejn hemm tendenza li tintuża *tibdil* fil-klima u mhux *bdil* fil-klima.

Nomi verbali oħrajn bħal *dlik/tidlik* joffrulna sfida ikbar għax, minbarra li diġà hemm qrubija semantika[2] fil-verbi assoċjati magħhom (jiġifieri *dilek* – *dellek*), m'hemmx il-possibilità tas-sura t1v22ī3 (jiġifieri **tdillik*). Mifsud jgħid li f'każi fejn għandna verbi li t-tieni forma tagħhom (*dellek*) qiegħda hemm biss biex tintensifika t-tifsira tal-ewwel forma (*dilek*), aktarx li mmorru għal din it-tieni forma ("The Productivity" 159).

| | | |
|---|---|---|
| nomi | *dilek*<br>Kevin *dilek* il-ħobż. | *dellek*<br>Kevin *dellek* il-ħobż. |
| nomi verbali | *dlik*<br>Id-*dlik* tal-ħobż. | *tidlik*<br>It-*tidlik* tal-ħobż. |

Dan hu każ fejn jintuża nom verbali u mhux ieħor.

Pereżempju:

1. It-*tidlik* li ġġib magħha s-sħana, u mhux
2. *Id-*dlik* li ġġib magħha s-sħana.

Fil-każ ta' nomi verbali marbuta ma' *ddellek* jidher li mhux biss is-sura tat-tieni forma tan-nomi verbali taqdina, imma s-sura 12v̄3 (bħal *dlik*) taqdina wkoll.

1. Id-*dlik* tal-ħobż minn Kevin.
2. It-*tidlik* tal-ħobż minn Kevin.

Għaldaqstant fejn il-lingwa toffrilna l-possibilità, ikun għaqli li naraw (fl-ebda ordni partikolari) liema hi:

1. l-ewwel tifsira li jagħti d-dizzjunarju għal kull verb,
2. il-forma assoċjata mal-verb li joqrob l-aktar lejn dak li rridu nfissru, u
3. l-aktar verżjoni (korretta) li tkun qed tintuża.

Għalkemm mhux faċli li wieħed joħroġ b'ġeneralizzazzjonijiet u soluzzjonijiet 'il barra minn kuntesti partikolari, l-istudju fuq dan il-qasam għadu għaddej u għalhekk nittamaw li ħarsa komprensiva lejn tipi differenti ta' nomi verbali tgħinna nagħżlu bejn dawn il-possibilitajiet aħjar.

Ħajr lil Dr Michael Spagnol u lil Prof. Manwel Mifsud, is-superviżuri tar-riċerka tiegħi fil-livell ta' Masters fuq dan il-qasam.

**Biblijografija**

Crystal, David. *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*. Oxford: Blackwell Publishing, 2003. Stampat.

*Maltese Language Resource Server*. L-Università ta' Malta, L-Istitut tal-Lingwistika. Internet. 10 ta' Ġunju 2014.

Mifsud, Manwel. *Loan Verbs in Maltese*. Leiden: E. J. Brill, 1995.

Mifsud, Manwel. "The Productivity of Arabic in Maltese." *Proceedings of the 2nd International Conference*. (1995): 151-160. Stampat.

Spagnol, Michael. "*A Tale of Two Morphologies. Verb structure and argument alternations in Maltese.*" Teżi tal-Ph.D. L-Università ta' Konstanz, 2011. Stampata.

*Leanne Ellul hija l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Għaqda tal-Malti - Università, u għalliema tal-Malti*

## Stedina għall-kontributi

Bħal dejjem, *l-aċċent* hu dejjem miftuħ għall-fehmiet tal-qarrejja tiegħu. Jekk hemm xi tema partikolari marbuta mat-tħaddim tal-Malti miktub jew mitħaddet, mat-terminoloġija ta' xi qasam partikolari, inkella b'rabta aktar wiesgħa fejn jidħol l-iżvilupp tal-Malti, għaddilna l-ideat tiegħek: **l-accent@ec.europa.eu**

[2] Madankollu, ma jidhirx li hemm l-istess grad ta' qrubija semantika għall-kelliema nattivi tal-Malti.

KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

## Teżisti distinzjoni bejn *repeal* u *delete*?

Erika Vassallo

It-traduzzjoni ta' dawn iż-żewġ kelmiet għandha timxi, bħal dejjem, fuq is-sinifikat oriġinali u l-kuntest tagħhom. It-tnejn li huma jfissru t-tneħħija jew it-tħassir ta' xi ħaġa, però jintużaw f'kuntesti differenti.

Id-dizzjunarju Oxford jgħid:

Repeal: 1. Revoke or annul;
2. (noun) the action of revoking or annulling a law or act of parliament.

Il-kelma toriġina mill-kelma Anglo-Normanna 'repeler', u mill-kelma Franċiża antika 're-apeler', jiġifieri 'li tgħajjat lura'.

Delete: 1. Remove or obliterate (printed matter), especially by drawing a line through it;
2. Remove data from a computer's memory;
3. Remove (a product, especially a recording) from the catalogue of those available for recording;
4. (Genetics) Be lost or excised from a nucleic acid or protein sequence;
5. (noun) command or key in a computer which erases text.

Il-kelma toriġina mill-Ingliż medjevali li tfisser 'tfarrak', u mill-kelma Latina *delere*, li tfisser 'ixxejjen'.

Skont Aquilina, *repeal* tfisser jirrevoka jew jabroga liġi (in-nomi *revoka* u *abrogazzjoni*). Serracino-Inglott jagħti l-istess sinifikat għalihom, jiġifieri tneħħija mis-seħħ ta' liġi. Il-Miklem Malti jaqbel magħhom, anki jekk jagħti sens iktar wiesa' u mhux neċessarjament marbut ma' liġi fil-każ ta' revoka, billi jsemmi ġenerikament ordni, jew deċiżjoni. Fil-każ ta' revoka, huwa jgħid li din issir "b'xi mezzi proċedurali", u b'hekk jimplika li l-kelma tintuża fi proċess kemxejn formali.

Hemm għaldaqstant kuntesti speċifiċi għal dawn il-kelmiet. *Repeal* tintuża kważi dejjem f'kuntest leġiżlattiv jew legali, u b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni titneħħielha s-saħħa ta' liġi li jkollha. Tfisser il-proċedura legali li biha liġi titneħħielha l-awtorità.

*Delete*, min-naħa l-oħra, tfisser ukoll 'tħassir', imma l-kuntest ġeneralment huwa differenti, iktar ta' natura editorjali. Il-kelma tintuża f'kuntesti iktar wiesgħa, inkluż il-kuntest legali, iżda tinkludi kuntest iktar tekniku bħall-proċess tal-istampar, jew il-korrezzjonijiet li jsiru fi skrittura u jew fil-kitba bl-id. Bl-iżvilupp tat-teknoloġija informatika, din l-azzjoni tinkludi kemm it-tneħħija fiżika tat-test f'kompjuter kif ukoll l-azzjoni li biha jitneħħew dokumenti sħaħ u saħansitra partijiet mill-ħażna tal-fajlijiet li jinsabu fil-memorja ta' kompjuter. Figurattivament, tista' tfisser ukoll l-att li biha isem jitneħħa minn lista ta' ismijiet, b'mod partikolari reġistrazzjonijiet mużikali.

Id-dizzjunarji Maltin jagħtu l-istess tifsira għal *delete*. Aquilina jgħid 'ħassar', jew 'żgassa', li jfissru "tħassir ta' kitba minn artiklu". Mario Serracino-Inglott, għal 'ħassar' jagħti, fost affarijiet oħra, 'annulla', 'ingassa', 'irrevoka', 'ikkanċella', 'qata' barra'; u għal 'żgassa/ ngassa' jagħti l-istess tifsira. Il-Miklem jirrepeti dan il-kunċett għaż-żewġ kelmiet.



Għaldaqstant, il-verb *repeal* għandu jiġi tradott 'abroga' jew 'irrevoka', filwaqt li *delete* għandu jiġi tradott 'ħassar' jew 'ingassa'. Din hija t-teorija skont id-dizzjunarji. Il-prattika f'Malta hija sfortunatament storja differenti. Dawn il-kelmiet ma jiġux dejjem tradotti fil-Malti b'dan il-mod.

Jidher li xi drabi s-sinifikati jiġu mibdula. Tradizzjonalment, il-kelma li tintuża mil-leġiżlatur għal *repealed* hija 'mħassra', mhux 'abrogata', għax din il-kelma ma tintużax mil-leġiżlatur, filwaqt li 'revoka' tintuża iktar għal awtorizzazzjonijiet bħal permessi, liċenzji, jew proċeduri mhux ġudizzjarji li jkunu ġew irtirati mill-awtoritajiet stess.

B'hekk, pereżempju, fl-Artikolu 877(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili nsibu, fil-kuntest ta' minuri li jinżammu milli jitilqu minn Malta, "[...], and *to delete* the name of the minor from such passport", li bil-Malti nkitbet "[...], u biex *iħassar* isem dik il-persuna minn dak il-passaport." L-istess liġi, però, meta tindika li xi artikolu tneħħa, tuża l-kelmiet *deleted* u *repealed* bl-istess mod u bil-Malti tibqa' dejjem 'imħassra'.

Eżempju ieħor jinsab fil-Kapitolu 289 tal-liġijiet ta' Malta. Fl-1980, il-leġiżlatur issostitwixxa l-Ordinanza tal-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra. Huwa abroga l-liġi l-antika u introduċa liġi oħra. It-titolu bl-Ingliż huwa "War Damage (*Repeal*) Act"; bil-Malti qiegħed "Att li *jħassar* l-Ordinanza Dwar il-Ħsarat tal-Gwerra".

Għaldaqstant, minkejja li mil-liġi d-distinzjoni ma tirriżultax b'mod ċar, fir-realtà teżisti differenza ċara bejn dawn iż-żewġ kelmiet. Hu tajjeb li fit-traduzzjonijiet tagħna nippruvaw nagħmlu d-distinzjoni aħna wkoll.

*Erika Vassallo hija ġurista lingwista fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja*

~ • ~

# Mudell tassonomiku

**Reuben Seychell**

### Daħla

Il-parti tad-dritt tal-UE li tittratta l-protezzjoni ambjentali tiddisponi dwar diversi speċijiet. Forsi l-aktar każ magħruf u li jaffettwa direttament il-ħajja ta' kuljum hu r-regolament li jistipula l-limiti massimi tal-qabdiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-UE. Pereżempju, fih jiġi stabbilit kemm jinqabad tonn fi staġun partikolari, fost l-ispeċijiet l-oħra tal-ħut. Hemm imbagħad dispożizzjonijiet dwar l-għasafar selvaġġi, is-selvaġġina, il-protezzjoni tal-fawna, il-frott li jiġi importat u t-tikketti u n-nomenklatura li jintużaw għalih. Spiss dawn l-ispeċijiet ma jkunux familjari għall-kuntest lokali, mhux biss għal dak Malti imma anki għall-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE[1].

Kull lingwa għandha l-mod tagħha kif tindirizza din it-tip ta' tismija (appellazzjoni)[2] u l-Malti mhuwiex anqas, u l-mogħdijiet huma bosta. L-ewwel tentattiv (almenu fl-istorja riċenti tat-traduzzjoni tad-dritt tal-UE) li sar fil-Malti kien ta' Mark Vella fl-2012.[3] Hawnhekk qed nippreżenta mudell f'forma ta' matriċi, li rriżulta minn applikazzjoni tal-prinċipji ppreżentati minn Vella, flimkien ma' prinċipji oħrajn li ħarġu minn analiżi ta' tali applikazzjoni fuq lottijiet ta' ismijiet tal-ħut, pjanti u frott u ħxejjex.

**Prinċipji ġenerali li jridu jitħarsu**

Kwalunkwe inizjattiva terminoloġika, inkluż gwida bħal din, ma tistax ma timxix man-normi terminoloġiċi; l-ewwel u qabel kollox, biex titrażżan l-arbitrarjetà f'dan il-proċess dovut ta' nominaliżmu, xi ħaġa li twassal għal riżultati aktar konsistenti u koerenti f'nisġa ta' kunċetti relatati,[4] immappjati f'kategoriji u subkategoriji. Iridu jiġu segwiti l-prinċipji stabbiliti fl-Istandards Internazzjonali tat-Terminoloġija[5] u, fost dawn, l-osservanza tal-monosemija,[6] l-evitar tal-omonimiji,[7] tas-sinonimiji,[8] u tan-nontermini (frażijiet minflok termini/appellazzjonijiet), l-osservanza tar-regoli tal-lingwa u l-kostruzzjoni korretta, it-trasparenza, il-konsistenza, l-idoneità, l-ekonomija lingwistika, id-derivabilità u l-komponibilità, il-korrettezza lingwistika, u l-preferenza għal-lingwa nattiva.[9]

Fil-każ tat-tassonomija, ix-xogħol ta' kategorizzazzjoni jsir mix-xjentist naturali li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni bijoloġika ta' kull organiżmu.[10] Tali kategorizzazzjoni tirriżulta f'isem xjentifiku normalment imsejjes fuq lessemi mil-lingwi klassiċi (il-Grieg u l-Latin). Din il-kategorizzazzjoni hija fundamentali meta nkunu qed nistabbilixxu ismijiet ġodda għall-ispeċijiet. L-istess bħal fi kwalunkwe kuntest terminoloġiku, l-isem (bħala t-terminu) ma jitqiesx f'iżolament, imma f'nisġa ta' kunċetti li fih jokkorri dak l-isem partikolari, u hija propjru dik il-klassifikazzjoni bijoloġika li tissarraf f'nisġa ta' referenza. Barra minn hekk, huwa indispensabbli li wieħed jirriċerka l-informazzjoni teknika disponibbli dwar dak l-organiżmu, u jifhem il-karatteristiċi tiegħu kif deskritti mix-xjenzat skont il-kodiċijiet rilevanti,[11] kif ukoll dawk ir-relazzjonijiet mal-ispeċijiet 'aħwa'.

**L-għodod u l-applikazzjoni**

Bħala regola, l-ismijiet jinqasmu fi tnejn:

1. dawk ta' rilevanza lokali, li normalment ikunu b'xi mod jeżistu f'Malta, u

2. dawk eżotiċi, li m'għandhomx rilevanza għall-Malta, li forsi għadhom mhumiex magħrufa f'Malta, jew għadhom kemm ġew introdotti u allura ftit li xejn huma magħrufa.

F'dawk li jkunu tat-tip 1, nirriċerkaw sorsi lokali, nikkonsultaw esperti lokali fil-qasam u nirreġistraw dak li nsibu skont il-prinċipji terminoloġiċi. Fil-każ ta' sinonimi, napplikaw il-prinċipju ta' preferenza lil isem minnhom.[12] Jista' jkun napplikaw ir-retronimija, eżempju fil-każ ta' *Nymphaea alba* s-sors Malti jirreferi għaliha bħala 'il-ġilju tal-ilma'[13] meta, għalkemm mhumiex magħrufa daqshekk f'Malta, jeżisti aktar minn tip wieħed ta' 'ġilju tal-ilma', u dan l-isem ikun aktar idoneu għall-familja *Nymphaeaceae*, filwaqt li l-ispeċi tkun tissejjaħ 'il-ġilju abjad tal-ilma'. Madankollu, sakemm ma tkunx meħtieġa rikunsiderazzjoni terminoloġika f'dan is-sens, ma jkunx hemm ħolqien ta' xi isem ġdid.

Għal dawk tat-tip 2, tintuża l-matriċi mibnija fuq erba' approċċi u seba' metodi (ara paġni 18 u 19). Biex jindirizza element ta' isem jew it-totalità ta' isem, wieħed juża tal-anqas approċċ wieħed (jista' jkun hemm koinċidenza bejn approċċ A, B u Ċ), u possibilment wieħed mis-seba' metodi.

## L-Approċċi

| Approċċi | Deskrizzjoni | Eżempji[14] |
|---|---|---|
| **A. Isem eżistenti** | Dan jgħodd għal każijiet tat-tip 1 (speċijiet ta' rilevanza lokali, li normalment ikunu b'xi mod jeżistu f'Malta) jew ismijiet li jkunu ġew normalizzati fil-lingwa. | |
| **B. Assimilazzjoni ġenerali mal-lingwi l-oħra tal-UE**[15] | Dan isir permezz ta' kalk jew traduzzjoni litterali tal-metafora jew tar-referent ġeneralment użat bħala soluzzjoni adottata minn lingwi individwali. Dan ma jeskludix li ssir kontroverifika mal-isem xjentifiku. L-assimilazzjoni tista' ssir jew ma' ammont konsiderevoli ta' lingwi li jużaw referent lessikament ekwivalenti, jew ma' għadd żgħir ta' lingwi li jużaw referent li l-espressjoni tiegħu tkun l-aktar qrib l-idjomatika Maltija, jew ma' lingwa li tkun dominanti fil-kuntest (bħall-EN f'ċerti kuntesti botaniċi, jew lingwa oriġinarja ta' speċi endemika, jew lessiku reġjonali dwar riżorsi naturali kondiviżi bħalma huma r-riżorsi tal-baħar). | Eż. 1 Ħut: fil-każ tal-'gattarell fantażma' (*Apristurus manis*) fejn inżammet l-idea ta' fantażma bħal fil-lingwi l-oħra (A+B.4.2) ('ghost catshark' (EN), 'pejegato fantasma' (ES), 'holbiche fantôme' (FR), 'fantomcápa' (HU), 'spookkathaai' (NL), 'patarroxa-fantasma' (PT), eċċ.) |
| **C. L-isem xjentifiku bħala bażi**[16] | F'nuqqas ta' konsistenza ġenerali bejn il-lingwi tal-UE, u inkongruwenzi manifesti bejn l-isem xjentifiku u l-lingwa sors (spiss l-EN), issir analiżi ta' x'inhi l-familja jew il-ġeneru (skont il-profondità tal-inkongruwenza) ta' dik l-ispeċi u wieħed jibni fuq l-arblu xjentifiku ta' dik l-ispeċi. Dan ma jeskludix li jekk wieħed jimxi mal-isem xjentifiku ma jkunx hemm assimilazzjoni ma' xi lingwa oħra. | Eż. 2 Ħut: għal *Thunnus alalunga* l-EN jagħti wkoll 'albacore', meta hemm speċi oħra *Thunnus albacares*, 'yellow fin tuna'. Il-MT jibbaża fuq l-isem xjentifiku: 'alonga' (*Thunnus alalunga*)[17] (C.3)<br><br>Eż. 3 Ħut: fil-każ tal-'merluzz tal-Alaska' (*Theragra chalcogramma*, 'Alaskan pollock'), għalkemm l-EN jagħmel 'pollock', mill-analiżi tal-isem xjentifiku joħroġ ċar li mhux qed jirreferi għall-ġeneru tal-pollakkju (*Pollachius*), imma għall-merluzz (C+B.1)<br><br>Eż. 4 Frott: *Crataegus mexicana*. L-EN iżomm il-kelma oriġinali 'tejocotes' (għadma tossika/aċiduża). Għażilna adattament tal-isem xjentifiku 'kratagu Messikan' għat-trasparenza minħabba li l-frotta nnifisha mhix magħrufa lokalment u l-iskop tal-isem huwa limitat għal kuntest tekniku (C+C.1) |
| **D. Traduzzjoni unilaterali** | Dan jinvolvi proċess raġunat għal għażla partikolari u mhux oħra, imsejsa fuq wieħed mill-metodi t'hawn taħt imma li ma jaqa' la taħt Approċċ A, la taħt B u lanqas taħt C. Din l-alternattiva hija l-anqas waħda mfittxija minħabba li tbati mit-trasparenza sakemm ma tiġix reġistrata u komunikata b'mod determinanti biex tinftiehem. | Eż. 5 Frott: *Prunus persica var. platycarpa*. L-EN isibuha bħala 'doughnut peach' jew 'aturn peach' u t-Taljan isibha 'pesca tabacchiera'. Din hi tip ta' ħawħa (allura diġà nużaw terminu eżistenti biex nibnu t-terminu rilevanti) u nibbażaw fuq id-dehra tagħha 'ħawħa ċatta' (ara l-metodu 4.1 hawn taħt) (A+D.4.1) |

# Il-Metodi

| Metodi | Deskrizzjoni u eżempji | Kumment |
|---|---|---|
| **1. Lok ġeografiku**[18] | Dan jista' jsir fejn il-lok ġeografiku jkun element ta' distinzjoni bejn l-ispeċijiet. | Eż. 6 Mammiferi: *Ammotragus lervia* filwaqt li ssegwa l-approċċ B, inżamm l-isem ġeografiku bħala l-element distintiv ta' din l-ispeċi: 'nagħġa tal-Barberija'[19] (B+B.1)<br><br>Eż. 7 Mammiferi: *Bubalus arnee*, ittieħed l-approċċ C fejn intuża terminu elementari eżistenti u nżamm l-isem ġeografiku bħala l-element distintiv ta' din l-ispeċi: 'buflu Ażjatiku selvaġġ'[20] (C+B.1)<br><br>Eż. 8 Ħut: 'sawrell taċ-Ċili' (*Trachurus murphyi*. 'jack mackerel') vs 'sawrell tal-Paċifiku' (*Trachurus symmetricus*, 'Pacific jack mackerel') issegwiet l-assimilazzjoni ġenerali tal-lingwi tal-UE, partikolarment l-approċċ tal-lingwi Rumanzi (C+B.1) |
| **2. Ismijiet proprji**[21] | Dan jista' jsir fejn speċi tingħata l-isem proprju tal-persuna li tkun perezempju rreġistrat l-ewwel darba tali speċi, jew tingħata isem b'sens onorarju għal xi persuna partikolari, jew għaliex ikun hemm xi rabta storika. | Eż. 9 Ħut: 'mazzola tal-fanal Bigelow' (*Etmopterus bigelowi*, 'blurred smooth lanternshark'); kien hemm inkonsistenza importanti bejn il-lingwi tal-UE allura ntagħżel approċċ C: 'Bigelow' għall-isem ta' Henry B. Bigelow li kien l-ewwel li flimkien ma' William C. Schroeder u Stewart Springer iddeskriva l-karatteristiċi distinti tal-ispeċi[22] (A+C.2) |
| **3. Etimoloġija: kliem speċifiku għal lingwa oriġinarja**[23] | Din tinvolvi kunsiderazzjoni tal-etimoloġija tal-isem oriġinali tal-ispeċijiet li komunement jinżammu kif jinħassu fil-lingwa oriġinarja, sew jekk traskritti, sew jekk translitterati, sew jekk jinżammu fl-ortografija tal-lingwa oriġinarja. | Eż. 10 Ħut: 'kurazza tiburo' (*Sphyrna tiburo*); 'tiburo' fil-lingwa oriġinarja Taino li tfisser 'kelb il-baħar'. Qed tintuża 'tiburo' fl-isem b'relazzjoni diretta mal-isem xjentifiku ('kurazza' hu terminu MT eżistenti)[24] (A+C.3) |
| **4 Karattersitiċi fiżiċi** | Karatteristiċi fiżiċi li jiddistingwu speċi minn oħra fl-istess kategorija:<br>1. morfoloġija (bijoloġika)[25]: eż. ras wiesgħa/ċatta, munqar twil, denb twil/ qasir;<br>2. elementi fiżjonomiċi inkluż lewn jew sfumatura[26]: ittikkjat/bit-tikek (spotted), imraħħam (marbled), muqran (horned), muswaf (hairy), imxewwek (spiky), imdiffer (nail-tail), imlanzat (hispid), muxagħar (hairy). | Eż. 11 Ħut: 'mazzola tal-fanal ta' denb qasir' (*Etmopterus brachyurus*, 'shorttail lanternshark') (A+B.4.1)<br><br>Eż. 12 Tjur: 'sarsella ħamra' (A+B.4.2)<br><br>Eż. 13 Ħut: 'kelb il-baħar bellusi' (*Scymnodon squamulosus/ Zameus squamulosus*, 'velvet dogfish')(A+B.4.2)<br><br>Eż. 14 Ħut: 'tawru seta' (*Carcharhinus falciformis*, 'silky shark') (C+B.4.2)<br><br>Eż. 15 Mammiferi: 'qattus imraħħam' (*Pardofelis marmorata*, 'marbled cat') (B+C.4.2) |
| **5. Karatteristiċi etoloġiċi**[27] | Dawn jinkludu karatteristiċi ta' mġiba li jiddistingwu speċi minn oħra, partikolarment fl-istess kategorija. | Eż. 16 Mammiferi: 'wikkiel in-nemel' (*Vermilingua*, 'ant eater') (B.5); dan huwa isem li taħtu jiġbor erba' sottospeċijiet |
| **6. Karatteristiċi ambjentali** | Dawn jinkludu l-karatteristiċi tal-ambjent li tgħix fih l-ispeċi. | Eż. 17 Ħut: 'menidja tal-marea' (*Menidia peninsulae*, 'tidewater silverside', 'inland silverside') meta wieħed jikkunsidra s-seba' speċijiet ta' menidja rreġistrati, il-karatteristika distintiva (mingħajr riskju ta' omonimija) hija l-ambjent tagħha, i.e. il-marea (C.3+B.6) |
| **7. Qisien u paraguni**[28] | Dawn jinkludu il-karatteristiċi ta' qies jew paragun bejn l-ispeċijiet fl-istess kategorija: *lesser*: żgħir/minuri; *giant*: kbir; *dwarf*: nanu. | Eż. 18 Mammiferi: 'xadin żgħir imnieħru abjad' għal 'lesser spot-nosed monkey' (A.7+D.2) |

Ta' min jinnota li isem spiss ikollu aktar minn element wieħed, fejn ikun hemm l-element prinċipali (spiss jirreferi għall-familja jew ġeneru) u element sekondarju ieħor[29] jew saħansitra aktar elementi sekondarji.[30] Għalhekk, l-għodod tal-matriċi jiġu applikati b'mod flessibbli biex jagħtu l-aktar riżultat trasparenti u li jirrispetta l-prinċipji ġenerali mfissra aktar kmieni. Kull għodda hija parassitika fuq il-lessiku u t-terminoloġija eżistenti meqjusa ekwivalenti, l-użu tal-kalk, u l-adattament skont ir-regoli tal-lingwa.

Dan il-mudell mhuwiex maħsub li jirrappreżenta xi dinja vera kontra dik fittizja, imma huwa biss tentattiv biex tingħata struttura lil proċess nominali utli biex titnaqqas l-arbitrarjetà u l-inkonsistenza fir-rappreżentazzjoni ta' kunċetti individwali.[31] Nifhem li aktar ma jiġi applikat, aktar wieħed ikun jista' jikkoreġi d-difiċenzi tiegħu jew saħansitra joħroġ b'għodod aktar effikaċi.

**Biblijografija**

International Standardisation Organisation, ISO 704: *Terminology work - Principles and methods (Principes et méthodes de la terminologie)*, Third edition, Genêve, 2009

Vella, Mark A., 'Xi noti prattiċi dwar il-ħolqien terminoloġiku: il-qasam taż-żooloġija', Il-Kummissjoni Ewropea, *Terminoloġija Maltija*, Novembru 2012 (Maħruġ bħala suppliment mal-ħarġa nru 8 ta' *l-aċċent*)

**Noti**

[1] Pereżempju, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE għandhom baħar (għalkemm ikollhom xmajjar) u għalhekk għajr dawk l-ispeċijiet ta' ħut li jaslu fis-suq tagħhom, l-oħrajn jibqgħu kemxejn aljeni.
[2] Ara eżempju interessanti fil-każ tal-Katalan: Termcat, *Guia d'establiment de criteris per a la denominació catalana d'animals*, Barcelona: Generalitat de Catalunya. Departament de Cultura, 1992. 35 p. (Criteris Lingüístics per a la Terminologia; 3).
[3] Ara l-artiklu Vella, Mark A., 'Xi noti prattiċi dwar il-ħolqien terminoloġiku: il-qasam taż-żooloġija', il-Kummissjoni Ewropea, *Terminoloġija Maltija*, Novembru 2012 (*l-aċċent*, nru 8)
[4] Importanti l-osservanza tar-relazzjonijiet bejn il-kunċetti, ara l-ISO 704, it-taqsima 5.5.
[5] Partikolarment ISO 704.
[6] Isem wieħed jirrappreżenta kunċett individwali wieħed, u mhux aktar.
[7] Isem wieħed jirrappreżenta aktar minn kunċett individwali wieħed. Dan huwa prinċipju ewlieni mhux biss fl-istandards internazzjonali tat-terminoloġija (ISOs) imma wkoll fil-kodiċijiet ewlenin tat-tassonomija bijoloġika: International Code of Zoological Nomenclature (ICZN) u International Code of Nomenclature for algae, fungi, and plants (ICN).
[8] Fejn kunċett wieħed ikun irrappreżentat minn aktar minn isem wieħed. F'sitwazzjoni bħal din, ikun meħtieġ li jintagħżel isem wieħed li jingħata preferenza fuq l-oħrajn, f'ġieħ il-konsistenza fl-użu.
[9] Għal aktar dettall, ara ISO 704, it-taqsima 7.4.2.
[10] Ara Wikipedia > Klassifikazzjoni bijoloġika, http://mt.wikipedia.org/wiki/Klassifikazzjoni_bijolo%C4%A1ika [08/08/2014].
[11] Ara l-kodiċijiet internazzjonali tan-nomenklatura msemmija fin-nota 7 hawn fuq.
[12] Għal aktar dettall, ara ISO 704, it-taqsima 7.2.6 *Deprecation of terms*.
[13] Lanfranco, Guido. *Ħxejjex Mediċinali u oħrajn fil-Gżejjer Maltin*, Pubblikazzjoni tal-Media Centre, 1993.
[14] Fit-tmiem tal-eżempju, fil-parenteżi ssib ir-riżultat tal-applikazzjoni tal-matriċi; pereżempju: Eż.1 gattarell fantażma, intuża l-approċċ A għall-"gattarell" (li huwa t-terminu eżistenti għall-element primarju) u l-approċċ B u l-metodu 4.2 għall-"fantażma".
[15] Approċċ użat ħafna fit-traduzzjoni u t-terminoloġija f'diversi lingwi. Ara wkoll il-punt 3 ta' Vella (2012, p. 5).
[16] Elaborazzjoni tal-punt 4 ta' Vella (2012, p. 5).
[17] Fil-każ ta' *Thunnus albacares*, il-MT jagħmel assimilazzjoni ġenerali mal-lingwi l-oħra (approċċ B) u juża "tonna safra".
[18] Taħt it-taqsima "Eżempji prattiċi" fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 3).
[19] B'assimilazzjoni mal-EN "Barbery sheep".
[20] B'assimilazzjoni mal-EN "wild Asiatic buffalo".
[21] Taħt it-taqsima "Eżempji prattiċi" fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 3).
[22] Fost l-eżempji li jsemmi Vella nsibu l-farfett tar-Reġina Alessandra u d-duiker ta' Brooke.
[23] Il-punt 1 fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 4).
[24] Vella (2012) jagħti dawn l-eżempji: llama, duiker, serow, wallaby.
[25] Taħt il-punt 2 fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 4).
[26] Taħt it-taqsima "Eżempji prattiċi" fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 4), u taħt il-punt 2 fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 4).
[27] Taħt il-punt 2 fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 4). L-etoloġija hija l-istudju xjentifiku ta' kif l-organiżmu jaġixxi fl-ambjent naturali tiegħu.
[28] Taħt il-punt 5 fl-artiklu ta' Vella (2012, p. 5).
[29] eż. gattarell + fantażma; tadam + ċirasa; ħawħ ċatt; gremxula + taż-żibeġ (Vella, 2012).
[30] eż. (kobra + jobżoq) + (tal-Filippini ta' Fuq); pappagall + (qurrigħetu + lelà); għasfur + (umbrella + (bl-imsielet + twal) (Vella, 2012).
[31] B'kuntrast mal-kunċetti ġenerali rrappreżentati minn termini. Ara t-taqsima 7.1 ta' ISO 704.

*Reuben Seychell huwa terminologu fid-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

# Lejn mappa tad-dinja bil-Malti II – Kriterji preliminari, l-Afrika

Antoine Cassar

### Art instabbli

Għal snin twal kont konvint li, bil-Malti, id-dinja hija maqsuma fl-emisferu tat-Tramuntana (jew ta' Fuq) u l-emisferu tan-Nofsinhar (jew t'Isfel), jew bil-maqlub. Jien u għaddej bir-riċerka għal dan it-tieni artiklu, fi glossarju ta' termini midmum mid-Dipartiment tal-Ġeografija tad-Direttorat tal-Edukazzjoni[1] f'Malta, niltaqa' ma' *emisfera* bl-'a'. U ninħasad. Forma loġika, wara kollox, għax nofs ta' sfera, iżda mhux hekk kont nafha. Fiż-żewġ edizzjonijiet tad-'dizzju l-blu' (kif sirt insejjaħlu, b'ċerta għożża) ta' Mario Serracino Inglott issib biss *emisferu* bl-'u'. Bħat-Taljan *emisfero*, imnissla mil-Latin *hemisphaerĭu(m)*. Nikkonsulta l-Aquilina, MT-EN, vol. 1 p. 278: *emisferu*. Imbagħad, għall-ġurament, naqbad l-EN-MT, vol. 2, u fil-paġna 1332, taħt *hemisphere*, insib *"emisfera (...) Northern/ Southern ~, l-emisferu tat-Tramuntana/tan-Nofsinhar."* Ħawwadni ħa nifhmek, kif jgħid il-Malti.

Ma nafx jekk Aquilina kellux f'moħħu xi distinzjoni partikulari bejn il-forma ġeometrika bl-'a', u t-terminu proprjament ġeografiku bl-'u'. Jekk iva, sabiħ li l-Malti jiddistingwi fejn ilsna oħra ma jiddistingwux, iżda tali proposta ma toħroġx ċara, speċjalment meta tqis li l-Aquilina MT-EN jagħti esklussivament il-forma *emisferu* bl-'u'. Fil-konkordanza tal-MLRS[2] issib



Tapit b'mappa anonima, bl-ilsien Dari (il-Persjan tal-Afganistan) - www.iconophilia.net

[1] Gilson, E., DeBattista, R., Quintano, A., Buttigieg, M. & Spiteri Staines, T., 2013. *An English-Maltese Glossary of Terms used in the Teaching of Geography in Secondary Schools* (Directorate for Quality and Standards in Education). Dokument ta' referenza siewi ħafna, li sar (u għadu jiġi aġġornat) bl-appoġġ tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.
[2] *Maltese Language Resource Server*, tal-Università ta' Malta, http://mlrs.research.um.edu.mt/corpusquery.




Ritratt © Patrick Galbats, 2009

sittax-il okkorrenza ta' *emisfera*, u disa' każijiet ta' *emisferu*. It-taħwid huwa wieħed ġeneralizzat, anki fost il-professjonisti tal-lingwa. Fil-kuritur tax-xogħol, min jgħid li qatt ma sema' *emisfera* bl-'a' u min jgħid li qatt ma sema' *emisferu* bl-'u'. Każ sintomatiku ħafna, jidhirli, ta' kemm il-vokabularju ġeografiku bil-Malti huwa instabbli. Fl-ewwel artiklu ta' din is-sensiela[3] kont diġà semmejt it-taqtigħa *ġeografija* vs. *ġografija*, kif ukoll *oċean* vs. *oċeanu*. Dawn huma tliet eżempji biss, u sinifikanti; bħalhom hemm ruxxmata oħrajn.

Jien u naħdem fuq dan il-proġett ta' toponomija bil-Malti, spiss ikolli l-impressjoni li m'iniex qed nirfes l-art soda li nixtieq nimmappja. Madankollu, il-problemi mhux ġejjin biss mill-inċertezzi u l-varjazzjonijiet li diġà jeżistu, iżda wkoll mid-diffikultajiet marbutin mat-tensjoni bejn il-lenti Ingliża globalizzata u dik Taljana fil-mod kif l-ilsien Malti jħares lejn id-dinja li hemm lil hinn minnu. Żid il-ħabel stirat miġbud bejn il-prudenza u x-xewqa ta' esperimentazzjoni fil-ħolqien tat-toponimi, u jkolli nistqarr li, għalkemm qed nieħu pjaċir bl-eżerċizzju u bir-responsabilità, inħoss li taħti hemm vojt enormi.

**Bżonn, mhux ħolma**

*Il-Qarn tal-Afrika, ix-Xmara s-Safra, il-Vulkan Fuġi, il-Pol tan-Nofsinhar...* Timmaġinaw mappa tad-dinja kbira mal-ħajt, b'dawn l-ismijiet? Fl-ewwel artiklu semmejt il-mappa l-blu tan-*National Geographic* li għandi fil-kubiklu tal-uffiċċju; fl-appartament, mal-ħajt

[3] *l-aċċent*, il-ħarġa nru 11, pp. 28-34.

ta' wara l-iskrivanija, għandi l-istess mappa, *earth tone colour*, kannella tagħti fl-aħmar. Inqas skolastika, iktar tellurika. Ilni noħlom li jkun hemm mappa simili li turi, fejn possibbli u fattibbli, l-elementi ġeografiċi ewlenin bl-ilsien Malti. Mhux għalija biss, iżda għall-iskejjel, il-libreriji, il-kamra tal-aħbarijiet tal-istazzjonijiet tat-televixin...

Semmejt din il-ħolma ma' ċerti ħbieb meta kont Malta s-sajf li għadda, u kont sorpriż bir-reazzjoni ġenerali, bħallikieku dan il-fellus li ilu jdur f'moħħi mhuwiex għajr kapriċċ erudit, għalkollox inutli għall-kelliema Maltin infushom. Bla sens, jgħidulek, għax hekk, ta' ġewwa ġewwa u ta' barra barra... Qisu lil hinn minn ċertu xefaq, l-ismijiet tal-postijiet għandhom jibqgħu bl-Ingliż bilfors. "Smajt x'ġara fil-Congo River il-ġimgħa l-oħra?"... "Qatt dort mal-Cape of Good Hope?"... "Taf li sejrin ħolidej ir-Red Sea s-sajf li ġej?"... Wisq nibża' li, jekk inkomplu nillimitaw il-kuxjenza ġeografika ta' lsienna b'dan il-mod – jew agħar minn hekk, nibqgħu nċekknuha billi nissostitwixxu toponimi stabbiliti bl-ismijiet korrispondenti bl-Ingliż ("tislijiet minn Laksimberg"... "il-ġimgħa d-dieħla nkunu fuq gondola f'Venis") – il-ġenerazzjonijiet li telgħin jibqgħu jitbiegħdu mid-dinja l-kbira mhux biss kunċettwalment, iżda wkoll emozzjonalment, għax ma jkunux kapaċi jimmaġinaw u jesperjenzaw dik id-dinja barranija bi lsienhom.

Biex inkunu ġusti, fejn toponomija bil-Malti ma tkunx teżisti, jew bilkemm tkun disponibbli għax m'hemmx mapep jew atlas ta' referenza, huwa normali li wieħed idur awtomatikament – u spiss inkonxjament – għall-ismijiet kif mitgħallma bl-Ingliż. Fil-Lussemburgu jiġri xi ħaġa simili: bl-eċċezzjoni ta' ċerti ismijiet ta' pajjiżi kbar jew fil-qrib li jeżistu fil-lingwa Lussemburgiża, it-toponimi ġeneralment jingħadu bil-Ġermaniż, talikwali jew b'adattament fonetiku ċkejken. Kull kultura tħares lejn kulturi relattivament imbiegħda permezz ta' xi kultura intermedja, u mhux fil-pajjiżi ż-żgħar biss – kif semmejt fl-ewwel artiklu, ħafna ismijiet bl-Ispanjol għal bliet u reġjuni Ewropej inħolqu fis-seklu 19 b'kalk fuq il-Franċiż. Xorta waħda, hekk kif (teorikament) jiżdiedu l-aċċess u l-komunikazzjoni tas-soċjetà Maltija ma' partijiet tad-dinja li forsi ma tantx kellha rabtiet stretti magħhom fil-passat, il-lingwa, għal raġunijiet psikoloġiċi magħrufa jew mistura, mhix qed timxi paripassu ma' dan it-twessigħ.

It-tqabbil tas-soltu mas-sitwazzjoni fi gżira b'popolazzjoni iżgħar minn tagħna: jien u nfittex mappa tad-dinja bl-Iżlandiż, niskopri b'ċikka dettall minn atlas tal-Ewropa... bil-Faeroiż.[4] L-għadd ta' kelliema ta' din il-lingwa, bid-djaspora inkluża, huwa mas-66,000. Sitt darbiet u nofs inqas mill-għadd ta' kelliema tal-Malti. Fost it-toponomi tradotti li jidhru f'din il-biċċa żgħira mill-mappa nsibu: *Genova-flógvi, Venezia-flógvi, Liguria-hav, Maritimu alpur, St. Bernardsskaró*. Jitkellmu waħedhom, iżda mhux fil-vojt: anzi, iqarrbu l-qarrejja Faeroiżi tikka iktar lejn il-postijiet imsemmija, u viċiversa.

Sal-lum, l-unika mappa tad-dinja li qatt rajt bil-Malti (fejn il-kliem mogħti jmur lil hinn mis-sempliċi ismijiet tal-pajjiżi) hi dik li tidher fl-*Enċiklopedija għat-Tfal*, adattata minn Pierre J. Mejlak fl-2005.[5] Kif iħabbar it-titlu *L-ambjenti tad-dinja*, din hija mappa fiżika li tagħti proposti interessanti għal ismijiet Maltin tal-ibħra, il-lagi, id-deżerti u l-muntanji ewlenin tad-dinja, fost karatteristiċi ġeografiċi oħrajn. Bħala l-ewwel pass, avolja limitata fid-daqs u fid-dettall, u minkejja l-inkonsistenza fl-użu tal-artiklu, hija mappa eċitanti. Daqstant ieħor il-mapep tal-kontinenti individwali fil-paġni sussegwenti, anki jekk dawn huma iktar politiċi milli proprjament ġeografiċi.

---

[4] http://birkblog.blogspot.be/2013/06/fra-milano-til-torodd.html

[5] Mejlak, Pierre J., adatt., 2005. *Enċiklopedija għat-Tfal* (Merlin Publishers / Usborne), pp. 286-87.




Dettall minn atlas tad-dinja, bil-Faeroiż. Ritratt © Birgir Kruse, 2013

Huwa dnub li għad m'hemmx *text book* tal-ġeografija bil-Malti li jinkludi mappa li tmur lil hinn mill-Ewropa u l-Mediterran. L-iktar wieħed ippubblikat riċentement, *Id-Dinja Darna 2*, editjat minn Edward Gilson għar-raba' sena tas-sekondarja, fih mappa li turi l-qxur tettoniċi tad-dinja[6], iżda l-iskop ta' dan il-ktieb huwa li jgħallem tagħrif ġeografiku fis-sens proprju, iktar milli fis-sens kartografiku. Safejn stajt nistħarreġ, mapep tad-dinja oħrajn bl-ilsien Malti ma jeżistux. Is-sens ta' mejt, ta' diżorjentament quddiem dan in-nuqqas nixtieq negħlbu, u l-proċess se jkun twil ħafna, tista' tgħid ma jispiċċa qatt.

Meta niġu għall-ħolqien ta' toponimi, importanti li nevitaw kemm jista' jkun kwalunkwe kriterju ta' estetika. Jekk proposta ta' toponimu bil-Malti tinħassx iktar jew inqas eżotika se jiddependi mill-kuxjenza ġeografika ta' dak li jkun. Xorta waħda, għalkemm is-sens ta' eżotiżmu jaf ikun inevitabbli fil-bidu, traduzzjoni jew trażlitterazzjoni ta' toponimu m'għandhiex tiġbed l-attenzjoni lejha nfisha iktar milli lejn l-eżistenza u l-pożizzjoni ġeografika tal-post li tirrappreżenta fuq il-mappa jew l-atlas, inkella l-eżerċizzju kollu jkun qed isir għalxejn, għajr forsi bħala divertiment u ħolqien ta' mappa għat-tiżjin tal-uffiċċju jew tas-salott. Din mhix logħba – għalkemm sfida sabiħa, u daqstant ieħor divertenti għalija li ilni ffissat fil-mapep mindu kelli tmien snin – iżda tentattiv biex l-ilsien Malti, u allura l-kelliema tiegħu, isir jagħraf, jifhem, u jesperjenza d-dinja li hemm lil hinn mix-xefaq ġeografiku tiegħu, flok jiżloq bilfors fl-Ingliż għax m'hemmx alternattiva iktar 'lokali' disponibbli jew mifruxa biżżejjed.

[6] Gilson, Edward, ed., 2014. *Id-Dinja Darna 2: niskopru l-ambjent naturali tagħna* (Id-Dipt. tal-Ġeografija), p. 130.

## Kriterji preliminari: tliet alternattivi

Fit-tabella li tidher f'paġna 33 nagħti r-riżultati tal-ewwel esplorazzjoni tal-kriterji possibbli fil-ħolqien jew adattament tat-toponimi. Id-dinja kbira ħafna (!) u allura ddeċidejt li għalissa niffoka fuq l-Afrika biss, kontinent massiċċ iżda 'kumpatt' biżżejjed biex nittestja fih il-kriterji li qed nipprova nfassal. Imbagħad f'ħarġiet oħra nkompli, kontinent kontinent. Kif speċifikajt fl-ewwel artiklu, tinteressani fuq kollox it-toponomija proprjament ġeografika – reġjuni ġeoloġiċi, ktajjen ta' muntanji, meded jew korpi[7] tal-ilma, eċċ. – flok dik politika, anki jekk ċertu trikkib bejniethom se jkun inevitabbli. Nevita li nidħol wisq fil-kwistjoni tal-ismijiet tal-pajjiżi, kamp biż-żgur iktar politiku milli lingwistiku-ġeografiku, fost l-oħrajn għax bħalissa għaddejja reviżjoni tal-lista tal-pajjiżi (dik li ġiet imposta bil-għama mill-gvern Malti ta' erba' snin ilu) li tidher fl-Anness 5 tal-*Gwida tal-Istil Interistituzzjonali*, f'idejn il-Kumitat tat-Terminoloġija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

L-erba' kategoriji tar-ringieli huma ġenerali ħafna: toponimi li jidentifikaw reġjuni jew żoni ġeografiċi; oronimi (ismijiet ta' forom muntanjużi); idronimi (ismijiet ta' korpi jew meded tal-ilma, mhux biss fuq il-kontinent iżda anki madwaru); u toponimi ta' karatteristiċi ġeografiċi oħrajn li x'aktarx jiġu indikati fuq mappa jew f'atlas. F'dan l-istadju, jinteressana ħafna aktar it-tqassim tal-kolonni: traduzzjoni (kunċettwali), trażlitterazzjoni (traduzzjoni abbażi ta' kalk grafiku-fonetiku, iktar milli kunċettwali), jew żamma fil-'lingwa pont', jew kombinament ta' traduzzjoni u għażla mit-tnejn l-oħra f'każ ta' toponimu kompost li ma jinqalibx bis-sħiħ. Il-linji ta' bejn dawn il-possibilitajiet mhumiex għalkollox ċari; dawn il-kolonni jibqgħu preliminari, u fit-tabelli tal-kontinenti li se nżuru fil-futur, jista' jkun li jkomplu jinqasmu, jew forsi jingħaqdu. Iktar 'l isfel niddiskuti b'eżempji d-differenzi bejn dawn il-ħames kolonni.

[7] It-terminu 'korpi tal-ilma' jinsab fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 423.40: http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=10703&l=2

## Il-'lingwa pont'

Kif spjegajt fl-ewwel artiklu, qabel ma niddeċiedu jekk toponimu għandux jinqaleb mil-lingwa pont, jiġi trażlitterat abbażi tal-forma grafika fil-lingwa pont, jew jitħalla f'dik l-istess lingwa pont, l-ewwel mistoqsija li rridu nsaqsu ovvjament hija: liema għandha tkun dik il-'lingwa pont'?

Tradizzjonalment, l-ismijiet tal-pajjiżi l-aktar li jsegwu l-forma Taljana: *il-Marokk* mhux *(*il-) Morokow, l-Eġittu* mhux *(*l-)Iġipt, il-Ginea* mhux *(*il-)Gini*. Madankollu (u kif diġà stqarrejt, ma rridx nidħol iktar milli hemm bżonn fil-kwistjoni tal-ismijiet tal-pajjiżi), wieħed ma jistax jiċħad li l-forom bl-istilla, kliem Ingliż imlissen la Maltija, kulma jmur qed jinstemgħu aktar fit-taħdit, u kultant ġieli anki bl-artiklu, daqslikieku kienu ismijiet stabbiliti bil-Malti.[8] Iż-żmien meta konna nħarsu lejn id-dinja esterna mil-lenti tal-kultura Taljana beda jitbiegħed ġmielu (forsi minn nofs id-disgħinijiet 'l hawn?), iżda qabel ma nkunu f'qagħda li nikkonfermaw li l-bidla progressiva fil-lingwa pont tal-ismijiet tal-pajjiżi hija fenomenu ġenerazzjonali, huwa importanti li jsir sondaġġ fost kelliema Maltin ta' etajiet differenti, biex minnu jinsiltu statistiċi li jippermettu l-identifikazzjoni (jew le) ta' progressjoni fix-xejriet minn faxxa t'età għall-oħra.

[8] U kultant, l-użu tal-artiklu ma' toponimu li jkun baqa' bl-Ingliż jiżloq anki fil-kitba: "Wara li fetaħ is-seduta plenarja, il-President Schulz ikkundanna l-intimidazzjoni ta' attivisti favur id-drittijiet tal-bniedem fil-Bahrain u fl-Egypt" http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+IM-PRESS+20120508IPR44647+0+DOC+XML+V0//MT




Minn *Id-Dinja Darna 2*, p. 130 © Edward Gilson, 2014

Fin-nuqqas ta' dak is-sondaġġ, iżda mhux sempliċement fid-dawl tal-bidla apparentement għaddejja fil-lingwa pont tal-ismijiet tal-pajjiżi, tajjeb li niftakru li dawn it-toponimi partikulari, iktar politiċi milli ġeografiċi, kważi dejjem se jkunu iktar stabbiliti fil-kuxjenza spazjali u lingwistika Maltija minn ismijiet iktar 'lokali' u proprjament ġeografiċi, li ma jiġux mitgħallma u jissemmew ħafna inqas. U fin-nuqqas ta' mappa jew atlas bil-Malti, dak li jkun x'aktarx imur ifittex it-tagħrif ġeografiku bl-Ingliż, pjuttost milli bit-Taljan jew lingwa oħra. Għaldaqstant, bħala prinċipju ġenerali (iżda miftuħ għal eċċezzjonijiet), jaqbel li l-lingwa pont li minnha noħolqu jew nissellfu toponimi 'ġodda' tkun appuntu l-Ingliż. Għad-dinja 'Latina', pereżempju l-parti l-kbira tal-Amerka t'Isfel u tal-Amerka Ċentrali, jista' jkun li t-Taljan ikun aktar xieraq bħala lingwa pont għax morfoloġikament iktar qrib l-Ispanjol u l-Portugiż, iżda din għalissa tibqa' sempliċi suppożizzjoni, li jkollna nikkonfermaw jew niċħdu meta naslu għat-tismija ta' karatteristiċi ġeografiċi f'dawk ir-reġjuni tad-dinja. F'kull każ, anki fejn il-lingwa pont tkun l-Ingliż, tajjeb li ma ninsewx it-toponomija Taljana għalkollox, għax f'ċerti każijiet tista' tkun ta' għajnuna billi tipproponi soluzzjoni jew iżżomm sottillezza li taf tkun iktar xierqa għat-tismija tal-post li jkun, kif se naraw f'xi eżempji iktar 'l isfel.

Il-konsistenza ġenerali fl-għażla tal-lingwa pont hija importanti mhux biss fejn jidħlu t-trażlitterazzjoni u s-self ta' ismijiet, iżda iktar u iktar għat-toponimi proprjament tradotti.

Ta' sikwit, toponimu Ingliż jixhed struttura jew morfoloġija differenti mill-ekwivalenti tiegħu bit-Taljan. Eżempju minnhom huwa *Nubian Desert*, bl-aġġettiv, kontra *Deserto di Nubia*, bin-nom. Jekk iddeċidejna li nimxu fuq l-Ingliż, f'dan il-każ għandna mmorru għat-traduzzjoni sħiħa, *id-Deżert Nubjan*, flok kombinament ta' traduzzjoni u trażlitterazzjoni mit-Taljan, ċjoè **id-Deżert ta' Nubja*. (M'hemmx xi ngħidu, it-trażlitterazzjoni minnha nfisha hija forma ta' traduzzjoni, iżda huwa f'każ ta' aġġettiv li tali traduzzjoni tkun appuntu 'kunċettwali', lil hinn mis-sempliċi kalk fuq nom proprju.)

Eżempju ieħor, ftit iktar ikkumplikat, li jista' jitqies eċċezzjoni li tikkonferma r-regola: *Ethiopian Highlands* vs. *Acrocoro Etiopico*. L-ewwel nett, dawn il-*Highlands* mhumiex 'għoljiet' – żgur mhux fis-sens Malti ta' 'għolja' – iżda medda art wiesgħa, imħarbta iżda ta' altitudni pjuttost konsistenti, bi ftit qċaċet sparpaljati. Huwa eżempju ta' *plateau*, jew *altipjan* (terminu mogħti fil-glossarju msemmi ta' Gilson *et al.* 2013, ara n-nota 1). Anki jekk *Altipjan* tinħass iktar qrib it-Taljan *Acrocoro* milli l-Ingliż *Highlands*, tibqa' traduzzjoni kunċettwali.

It-tieni nett, rigward l-aġġettiv tat-toponimu inkwistjoni, biex nibqgħu konsistenti fl-għażla tal-lingwa pont, mal-ewwel daqqa t'għajn, ikun jaqbel li mmorru għal *Altipjan *Etjopjan*, flok *Etjopiku*. Madankollu, b'hekk inkunu qed nitilfu d-distinzjoni sottili li jagħmel it-Taljan bejn *etiope* (mill-pajjiż jew mill-istat) u *etiopico* (tal-poplu jew tar-razza). L-aġġettiv Ingliż *Ethiopian* ikopri ż-żewġ sinifikati, iżda l-ewwel wieħed huwa politiku, filwaqt li tat-tieni huwa demografiku, u għaldaqstant iktar ġeografiku. Huwa għalhekk li ħassejt li *Altipjan Etjopiku* tkun soluzzjoni iktar xierqa; l-Ingliż baqa' l-lingwa pont, iżda t-Taljan għen fl-għażla bejn iż-żewġ aġġettivi Maltin li kienu disponibbli. L-aġġettiv *Etjopiku* jitla' għaxar darbiet fil-konkordanza tal-MLRS (bejn il-maskil, il-femminil u l-plural); minkejja li ma toħroġx ċara, minn dawk l-għaxar eżempji, l-istess distinzjoni bħalma jagħmel it-Taljan (qabbel mat-taħwid ġenerali li jeżisti bejn *Iżraeljan* u *Iżraelit*), il-preċiżazzjoni taqdina tajjeb, u għal mappa li tmur neċessarjament lil hinn mir-realtajiet politiċi, iż-żamma ta' tali distinzjoni mhijiex sempliċi kapriċċ. L-istess jgħodd għad-*Deżert Libiku*, flok id-**Deżert Libjan*.

L-Ingliż jibqa' l-ilsien ta' referenza għat-toponimi tradotti b'mod kunċettwali, u paradossalment, għall-ismijiet trażlitterati wkoll, anki jekk il-proċess huwa wieħed ħafna iktar superfiċjali. Fit-trażlitterazzjoni ta' toponimu, 'nimmalteżizzaw' mhux il-ħoss bl-Ingliż, iżda l-kitba, kif misjuba f'mappa, atlas jew enċiklopedija Ingliża. Hawnhekk huwa importanti li nisħqu li l-kelma maħluqa b'tali kalk, anki jekk ikollha bixra iktar la Taljana milli la Ingliża, ma tkunx ir-riżultat ta' Taljanizzazzjoni ta' isem Ingliż, iżda ta' trażlitterazzjoni Maltija. Il-morfoloġija tista' tkun simili, u l-ħsejjes vokaliċi se jixxiebhu ħafna, iżda l-alfabett Taljan u dak Malti huma żewġ sistemi differenti.

Eżempju sempliċi: abbażi ta' *Mount Kilimanjaro* noħolqu *il-Muntanja / il-Vulkan Kilimanġaro* (jew *il-Kilimanġaro*, b'elissi), mhux **Kiliminġarow*; il-vokali qrajniehom iktar la Taljana milli la Ingliża (bil-ħoss tax-schwa /ə/ fit-tielet sillaba u d-dittongu /<u>oʊ</u>/ tal-aħħar), iżda proprjament qrajniehom la Maltija. L-istess il-*Muntanji tal-Atlas*, flok tal-**Etlis*.

Issa li ċċarajna l-kwistjoni tal-lingwa pont, nistgħu ngħaddu għal diskussjoni iktar sistematika tal-kolonni tat-tabelli. It-tliet alternattivi fil-ħolqien (jew le) ta' toponimu bil-Malti, u t-taħlitiet tagħhom, huma kif ġej. Intant, se nkunu qed nistaqsu: x'jista' jiġi tradott, x'jista' jiġi trażlitterat, u x'għandu jibqa' bilfors fil-lingwa pont?

**(a) Traduzzjoni kunċettwali**

Din l-alternattiva hija l-iktar waħda xierqa għal toponimi li huma deskrittivi, kultant anki b'mod metaforiku, bħalma hu l-każ tal-*Qarn tal-Afrika*. Il-parti tat-toponimu li tindika t-tip ta' karatteristika ġeografika ċertament tinqaleb (*Deżert*, *Altipjan*, *Wied*, eċċ.),[9] kif ukoll l-aġġettivi (*il-Baħar l-Aħmar*), filwaqt li n-nomi proprji li jidhru f'din il-kolonna diġà huma kliem stabbilit bil-Malti: *in-Nil*, ngħidu aħna, ma tistax titqies trażlitterazzjoni ta' *Nile* jew *Nilo*, iżda hija kelma Maltija proprja. L-istess il-Kanal ta' *Swejs*, li setgħet inkitbet ukoll *Swejż* (fl-MLRS issibhom it-tnejn, bil-forma bl-'s' tirbaħ b'xagħra u sufa, bi skor ta' 7-6); li kellna nżommu iktar qrib l-isem lokali bl-Għarbi (bħala lingwa oriġinali flok lingwa pont, li f'dal-każ m'hemmx għax mhijiex trażlitterazzjoni), l-'s' taqbel iktar, iżda dan mhuwiex il-kriterju segwit[10] – f'kull każ, bil-Malti, iż-'ż' fit-tarf ta' kelma titlissen *s*.

Bħala tradutturi, din hija l-kolonna li ovvjament tinteressana l-iktar. It-tieni diffikultà fid-dixxiplina tat-toponomija li semmejna fl-ewwel artiklu kienet tirrigwarda t-trasparenza, jew b'mod aktar speċifiku, it-taqtigħa bejn ir-rispett lejn il-familjarità u l-bżonn tal-kreattività. L-eżempji li rajna s'issa huma trasparenti ħafna, fis-sens illi l-postijiet indikati mit-toponimu jintgħarfu jew jinftiehmu mill-ewwel, mingħajr il-bżonn li wieħed jipprova jmaħħaħ biex jitla' lura għall-isem ekwivalenti fil-lingwa pont. Il-kwistjoni tal-familjarità hija waħda skabruża – sakemm ma jsirx xi sondaġġ estensiv, kif jista' wieħed ikejjel kemm popolazzjoni ta' kelliema tal-istess lingwa hija midħla ta' ċertu post imbiegħed, u mal-isem tiegħu bil-Malti, bl-Ingliż, jew bi lsien ieħor? Diffiċli, u f'dan l-istadju inutli, li nippretendu li naqilbu kull toponimu li nqisu traduċibbli; għandna nibdew bl-ismijiet l-iktar prominenti fuq il-mappa, u progressivament, bl-għajnuna tax-xejriet kreattivi li joħorġu u jistabbilixxu ruħhom, ngħaddu biex naqilbu toponimi oħrajn. F'dik il-kreattività, iżda, irridu noqogħdu attenti ħafna biex ma nimxux b'kapriċċ; l-"isbaħ" soluzzjoni, jew dik li tidhrilna l-iktar 'eleganti' (biex ma ngħidux l-iktar "Maltija"), mhux dejjem se tkun l-iktar għażla xierqa, speċjalment jekk ma tirrispettax il-preċiżjoni ġeografika jew ġeoloġika, jew jekk tinħass tant eżotika li teżisti biss bħala isem għalih innifsu, flok tikketta li tindika post konkret, kif toponimu suppost jagħmel. Ċerta limitazzjoni fil-kreattività tista' tkun meħtieġa wkoll fil-livell grammatikali: ngħidu aħna, l-istat kostrutt jippresta ruħu tajjeb ħafna għal ċerti tipi ta' toponimi (eż. *Kap Santa Luċija*), iżda jista' wkoll iqarraq – filwaqt li *l-Wied tan-Nil* ikopri eluf ta' kilometri, l-isem **Wied in-Nil* kieku jissuġġerixxi post pjuttost żgħir u milqugħ, bħall-widien ta' Malta.

Fl-istess ħin, ma rridux nibżgħu wisq mill-ħolqien ta' toponimi bil-Malti fejn possibbli, fattibbli, u tassew utli biex id-dinja nsiru nifhmuha aħjar, jiġifieri billi nagħrfuha u naħsbuha fi lsienna. Kif għidt fl-ewwel artiklu, biex toponimu ġdid jistabbilixxi ruħu, l-ewwel pass huwa li jinqara, it-tieni li jintlaqa', u mbagħad, bil-mod il-mod permezz tal-esponiment u l-edukazzjoni, li jindara. L-iktar żewġ każijiet problematiċi ta' traduzzjoni f'din l-ewwel kolonna kienu dawn li ġejjin.

***Il-Wied tar-Rift il-Kbir***

Il-wied li minnu ħarġet l-umanità kollha, ulied ta' Eva Mitokondrjali, għexieren t'eluf ta' snin ilu. Din il-proposta ta' toponimu tidher fil-kolonna (a), u mhux fl-(a)+(c), għax il-kelma *rift* qed tiġi (anzi, diġà ġiet) importata bħala kelma Maltija. Minkejja l-użu metaforiku li

[9] Hawnhekk, il-glossarju ta' termini ġeografiċi ta' Gilson *et al.* 2013 imsemmi fin-nota 1 huwa sors importanti ta' għajnuna. Apparti l-kompletezza, ta' min wieħed jirrispetta dan il-glossarju wkoll għaliex (bl-eċċezzjoni tal-*emisfera*) mhux dejjem jikkommetti ruħu għal varjant waħdani.

[10] Qabbel ma' *il-Magreb*, abbażi tat-Taljan, flok **il-Magħreb*, idderivata mill-kelma Għarbija ewkivalenti għall-*Għarb* jew *il-Punent*.

mdorrijin bih bl-Ingliż, *rift* (u miegħu *rift valley*) huwa terminu ġeoloġiku speċifiku ħafna, li jirreferi mhux biss għall-forma tiegħu iżda wkoll għall-mod kif ikun inħalaq. Ikkunsidrajna diversi alternattivi għaliha, mingħajr bżonn. *Fossa* u *fondoq* jistgħu jirreferu għall-forma, iżda mhux għall-azzjoni tettonika li sawrithom. *Ħarq* u *ħandaq* mhumiex adattati lanqas; kif jikkonferma Ġużi Gatt,[11] it-tnejn li huma jidhru bis-saħħa tal-ilma, filwaqt li *rift* jinfetaħ b'ġibda taħt l-art.

Jekk ir-*rift* jitwessa' biżżejjed, joħloq *rift valley*, deskritt minn Aquilina (EN-MT vol. 3 p. 2672) bħala "wied bil-ġenb tiegħu wieqaf ikkaġunat minn ċediment tal-qoxra tal-art". Dan ir-*rift valley* aktarx jimtela bl-ilma, sal-punt li jilqa' lag sħiħ, jew aktar minn lag wieħed. Dan ovvjament hu l-każ tal-lagi tal-Lvant tal-Afrika, kemm dawk alkalini tal-Etjopja u kemm dawk ikbar u iktar fondi mill-Kenja 'l isfel (bl-eċċezzjoni tal-Lag Victoria, li jinsab f'dipressjoni bejn żewġ rifts, jew bejn iż-żewġ fergħat tal-istess rift, skont id-definizzjoni ġeografika li se nkomplu naraw ftit iktar 'l isfel).

Il-kelma *firda* forsi tkun xierqa bħala referenza għall-oriġini tettonika tar-*rift*, u tiġbor fiha wkoll, xi ftit u b'mod impliċitu, l-idea tal-forma. Madankollu, xorta mhijiex speċifika biżżejjed; barra minn hekk, bħala toponimu possibbli, *il-Wied tal-Firda l-Kbira* jaf jinħass metaforiku wisq, u forsi, saħansitra, iktar bibbliku (!) milli ġeoloġiku. Ħarsa lejn ċerti ilsna Rumanzi tikkonferma l-ispeċifiċità tat-terminu *rift*, u għalhekk l-importazzjoni tiegħu – *La vallée du grand rift, El Gran Valle del Rift*, saħansitra *O Grande Vale do Rifte* bil-Portugiż, bl-'e' miżjuda biex il-kelma tiġi 'naturalizzata'.

L-importazzjoni – mhux sempliċi żamma – tal-kelma *rift* issir, allura, minħabba kwistjoni ta' preċiżjoni ġeografika. Madankollu, biex




Il-Wied tar-Rift il-Kbir u l-Lagi l-Kbar Afrikani mħad-dna minnu, kif jidhru f'mappa bl-Ungeriż (Wikipedia)

tabilħaqq inkunu preċiżi, irridu nżommu f'moħħna li l-isem *Great Rift Valley*, kif ivvintah u spjegah l-esploratur John Walter Gregory lejn tmiem is-seklu 19, huwa ġeoloġikament impreċiż, għax l-art koperta minnu fil-fatt hija magħmula minn taħlita ta' sistemi tettoniċi differenti. Dak li nifhmu llum bl-isem popolari *Great Rift Valley* jissejjaħ proprjament l-*East African Rift (EAR)*, li jinqasam f'żewġ fergħat f'xaqliba u oħra tal-Lag Victoria: fil-Punent l-*Albertine Rift* (jew *ir-Rift Albertin*), u fil-Lvant il-*Main Ethiopian Rift* (jew *ir-Rift Etjopiku Ewlieni*). U hawnhekk tqum mistoqsija importanti: fl-ewwel mapep tad-dinja bl-ilsien Malti, għandna mmorru strettament għall-preċiżjoni (ġeografika / ġeoloġika), jew ninkludu wkoll l-ismijiet 'popolari' jew 'tradizzjonali' tat-tip *Great Rift Valley / il-Wied tar-Rift il-Kbir*? Idealment, nirrispettaw u nġibu t-tnejn, iżda fuq mappa jew f'atlas ċkejken, l-ispazju jaf ikun limitat.

[11] Gatt, Ġużi, 2005. *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni*, Klabb Kotba Maltin, pp. 9-10.

***Il-Kap tal-Isperanza t-Tajba***

Fl-ewwel artiklu kont issuġġerejt, bħala proposta ftit 'imġebbda' li żerżaqt f'nofs it-test, it-toponimu *Kap it-Tama t-Tajba*. *Kap*, mhux *Ras*; hemm ħafna rjus madwar Malta (*Ras il-Pellegrin*), kif ukoll ponot (*il-Ponta ta' Bengħajsa*), iżda fost l-iktar promontorji ddefiniti nsibu *Kap San Mitri*, fil-Majjistral t'Għawdex. *Kap* mhux biss ikun ikbar minn *ras*; iktar importanti minn hekk, jimmarka estremità ġeografika, kif ukoll bidla fid-direzzjoni ġenerali tax-xatt.[12]

Rigward it-tieni element tat-toponimu, kont mort għall-kelma *Tama* mingħajr tħassib. Għadd ta' kollegi fehmu l-isem *Kap it-Tama t-Tajba* mill-ewwel, iżda ovvjament, kienu qrawh f'kuntest partikolari; mingħajr mappa u diskussjoni ġeografika, x'aktarx kienu jdumu iktar biex jidentifikaw il-post imsemmi. Iktar 'il quddiem, kien hemm min fakkarni fil-kelma *speranza*, u semmieli l-*Wied tal-Isperanza* li hemm il-Mosta. Għalkemm *speranza* forsi tinħass kemxejn arkajka (jekk mhux ukoll reliġjuża jew liturġika), fiha vantaġġ li ta' min nikkunsidrawh għall-għan tagħna – l-isem *il-Kap tal-Isperanza t-Tajba* (jew *Kap l-Isperanza t-Tajba* jekk naċċettaw l-użu ftit goff tal-istat kostrutt f'dan il-każ) jidher iktar familjari, tal-anqas għal min hu midħla tal-isem Taljan *Capo di Buona Speranza*, u wisq




[12] Għaldaqstant, *Cape Town* bil-Malti tiġi tissemma *Belt il-Kap*, u mhux *Belt ir-Ras* (!)

probabbli jintlaqa' u jindara iktar malajr mill-verżjoni bit-*Tama*.

M'hemmx xi ngħidu, il-fatt li jeżistu *Wied l-Isperanza* u *l-Kappella tal-Isperanza* f'Malta mhuwiex raġuni oġġettiva biex napplikaw *Speranza* wkoll għall-kap tal-Lbiċ tal-Afrika. Mistoqsija iktar importanti hija: huma sinonimi perfetti *tama* u *speranza*? L-impressjoni tiegħi hija li meta *tittama*, ix-xewqa (u forsi anki l-biża' li ma sseħħx) tkun qisha iktar profonda milli meta *tispera*; iżda paradossalment, il-ftit drabi[13] li għadu jintuża n-nom *speranza*, qisha emozzjoni iktar qawwija mis-'sempliċi' tama, marbuta ma' xenqa ikbar, u għalhekk forsi iktar imbiegħda. Bħallikieku *speranza* fiha iktar sens ta' distanza, mirfud ukoll mit-togħma 'arkajka' tagħha.

Din ovvjament hija distinzjoni soġġettiva, indikazzjoni ta' xejra possibbli iktar milli regola (kif dejjem hu l-każ fis-semantika), xejra li ma tistax tiġi kkonfermata mingħajr ħafna eżempji f'kuntesti differenti. Qabbel, madankollu, l-eżempji li ġejjin:

1a - "ħriġt kmieni bit-tama li nilħaq tal-linja"
1b - "ħriġt kmieni bl-isperanza li nilħaq tal-linja"

Is-sentenza 1a hija naturalissma, filwaqt li 1b x'aktarx tinħass pedantika u falza. Qabbel ukoll:

2a - "għandha t-tama li l-operazzjoni tirnexxi"
2b - "għandha l-isperanza li l-operazzjoni tirnexxi"

Naturali t-tnejn, għalkemm f'2a x'aktarx jintuża l-verb *tittama* flok in-nom *tama*. Iżda f'2b, nifhem li x-xewqa hija iktar profonda, u forsi wkoll iktar delikata. Id-distinzjoni tibqa'

[13] Jew forsi mhux daqshekk ftit – ta' *speranza* hemm 95 okkorrenza fl-MLRS, għalkemm uħud minnhom jidhru f'sentenzi bit-Taljan, u oħrajn huma nomi proprji ta' bini jew ta' persuni.

soġġettiva, iżda forsi mhijiex sottili daqskemm tidher. Fost ir-riżultati li tagħti l-konkordanza tal-MLRS, hemm żewġ sentenzi fejn *tama* u *speranza* jintużaw flimkien:

"ħalli jidħol fid-dinja tax-xogħol b'ċerta serjetà, tama u speranza għall-ġejjieni" Sors: parl10174, diskors parlamentari;

"ilhom seba' snin mimlijin tama u speranza, u dawn it-tamiet u l-isperanzi ma jaslu qatt!" Sors: press_torca5059, artiklu ta' opinjoni.

Apparti r-raġunament favur 'speranza' bħala kompromess tajjeb fit-tensjoni bejn il-kreattività u l-familjarità fil-ħolqien tat-toponimi bil-Malti, jekk 'speranza' hija iktar profonda minn 'tama', forsi tkun iktar adatta biex tiddeskrivi x'kienu jħossu l-baħħara Portugiżi tas-seklu 15 (u l-baħħara ta' wara, inkluż tal-lum) huma u jduru mal-Kap, joħorġu minn oċean u jidħlu f'ieħor, u fuq kollox, jibdew jitbiegħdu minn waħda mill-iktar żoni ta' baħar imqalleb fid-dinja, fejn jiltaqgħu u jduru fuq xulxin il-kurrent kiesaħ ta' Benguela u l-kurrent sħun ta' Agulhas. Tant hu hekk, l-ewwel isem Portugiż ta' dan il-kap, mogħti mill-esploratur Bartolomeu Dias meta pprova jdur miegħu fl-1487, kien *Cabo das Tormentas* (Kap it-Tempesti); jista' jkun li l-bidla fl-isem għal *Cabo da Boa Esperança* iktar 'il quddiem saret biex il-baħħara jiskonġraw il-biża' pproġettat mill-isem mogħti minn Dias.

Fil-Franċiż ukoll teżisti distinzjoni bejn żewġ kelmiet li jikkorrispondu, skont id-dizzjunarji, għall-Ingliż 'hope' – 'espoir' u 'espérance'. Skont id-dizzjunarju *Robert*, tal-ewwel hija l-azzjoni li tittama, filwaqt li tat-tieni – li tintuża inqas u tinħass kemxejn arkajka u letterarja – hija s-sentiment, li joqrob xi ftit lejn l-Ingliż 'expectation'. L-isem Franċiż tal-promontorju inkwistjoni fil-fatt huwa *Cap de Bonne-Espérance*, flok eż. **du Bon Espoir*. Il-Franċiż mhuwiex il-lingwa pont tagħna, iżda naħseb li din id-distinzjoni, għalkemm mhix paralleliżmu preċiż ma' dik Maltija, tkompli xxaqleb il-miżien lejn *il-Kap tal-Isperanza t-Tajba*, pjuttost milli *tat-Tama*.

**(b) Trażlitterazzjoni**

Kif diġà spjegajt iktar 'il fuq fid-diskussjoni dwar l-għażla tal-lingwa pont, it-trażlitterazzjoni ta' nomi proprji bl-ortografija Maltija timplika kalk fuq il-kitba tan-nom kif misjub bl-Ingliż, u dan il-kalk għandu jitqies bħala l-Malteżizzazzjoni li hu, u mhux bħala Taljanizzazzjoni abbażi tal-Ingliż. *Il-Kongo*, mhux **Il-Kongow*, *in-Niġer*, mhux **in-Najġa*, eċċ. F'din il-kolonna, l-ismijiet jidhru waħedhom minħabba elissi tal-karatteristika ġeografika, is-soltu xmara, muntanja jew vulkan. Għalhekk dawn it-toponimi jidhru wkoll fit-tielet kolonna, (a)+(b), flimkien mal-karatteristika li tkun. It-toponimi li huma wkoll ismijiet ta' pajjiżi (bħaż-żewġ eżempji li għadni kif tajt), avolja jistgħu jitqiesu sa ċertu punt bħala 'stabbiliti', qed inqishom trażlitterazzjonijiet billi għaddejja r-reviżjoni tal-lista tal-pajjiżi (kif semmejt iktar 'il fuq), u għax f'kull każ, mhumiex kliem Malti 'tradizzjonali' bħal dawk li jinsabu fil-kolonna (a).

It-trażlitterazzjoni spiss tinvolvi adattament ċkejken, u kultant ma tinvolvi l-ebda bidla fir-rigward tal-ortografija tal-lingwa pont – f'dawn il-każijiet hemm koinċidenza grafika perfetta, daqslikieku l-isem diġà huwa trażlitterat bil-lest. Fl-adattament ortografiku-fonoloġiku, huwa importanti ħafna li tinżamm il-konsistenza minn toponimu għal ieħor. Dawn huma t-tendenzi ġenerali fit-trażlitterazzjoni mill-Ingliż għall-Malti:

konsonanti: ch > ċ, c > k, h (fejn imleħħna) > ħ, j > ġ, sh > x, z > ż

semivokali: i / y > j, u > w

Ittri żejda, fis-sens illi mhumiex imleħħna fl-oriġinal, fil-Malti jaqgħu: eż. *Guinea* > *il-Ginea*.

**(a) Traduzzjoni kunċettwali + (b) Trażlitterazzjoni**

Kwistjoni li ħabbtitni ħafna f'din il-kolonna kienet tirrigwarda l-użu tal-artiklu bejn il-karatteristika ġeografika u t-toponimu proprju fejn dan mhuwiex ukoll isem ta' pajjiż, l-iktar fil-każ tal-muntanji. **Il-Muntanji Atlas*, jew *il-Muntanji tal-Atlas*? *Il-Muntanji Virunga*, jew **il-Muntanji tal-Virunga*? Kollha bl-artiklu, kollha mingħajru, jew nimxu każ b'każ?

Kif stajt nifhem mit-Taljan, il-ktajjen ta' muntanji ta' ċertu daqs jew firxa, jew li jaqsmu isimhom ma' reġjun (mhux bilfors politiku, anzi), ġeneralment ikunu bl-artiklu. L-ismijiet li ma jeħdux l-artiklu jidher li huma wkoll toponimi ta' bliet jew irħula, jew isem mogħti f'lingwa mhux lokali (il-każ tal-*Muntanji Aħmar*, li jinsabu fl-Etjopja; bl-Ingliż *Ahmar Mountains*, mhux *Red Mountains*, u għalhekk mhux *Ħomor*; deskrizzjoni aġġettivali bl-Għarbi li mbagħad sar nom f'ilsna oħra). Iżda dawn huma biss tendenzi, u l-kwistjoni tal-artiklu għad irrid inkompli nistħarriġha f'artikli futuri ta' din is-sensiela.

**(c) Żamma tal-isem fl-ortografija tal-lingwa pont**

It-toponimu jibqa' fil-lingwa pont u jżomm l-ortografija tiegħu, anki jekk din ma taqbilx mas-sistema Maltija. Kif l-isem jitlissen fil-prattika mbagħad storja oħra, u huwa kważi inevitabbli li titlissen 'la Maltija' xorta waħda.

F'artikli futuri, din il-kolonna x'aktarx tingħaqad ma' tal-aħħar, (a)+(c). S'issa ġbart erba' xenarji li fihom jaqbel li toponimu jinżamm fil-lingwa pont. L-uniċi żewġ toponimi li jidhru f'din il-kolonna (c) huma l-katina tal-muntanji tal-Afrika t'Isfel magħrufin bħala d-*Drakensberg* (ix-xenarju (i) fis-sezzjoni li jmiss), u l-*Orange*, isem ix-xmara li tifred l-Afrika t'Isfel u n-Namibja, hawnhekk bl-elissi (ix-xenarju (ii) hawn isfel).

**(a) Traduzzjoni kunċettwali + (c) Tħollija fil-lingwa pont**

L-erba' xenarji li fihom jixraq li toponimu jibqa' fil-lingwa pont anki fid-dehra grafika tiegħu huma dawn li ġejjin:

(i) Il-lingwa pont diġà qed tirrispetta lingwa oħra, mhux bilfors lokali, eż. *id-Drakensberg, il-Golf ta' Gabès, il-Kap Agulhas, l-Istrixxa t'Aouzou.*

(ii) It-toponimu ġej minn nom proprju ieħor, spiss isem ta' persuna - eż. Il-*Lag Victoria, Albert* eċċ., *il-Muntanja Stanley*, u saħansitra *ix-Xmara Orange*, imsemmija mhux għall-kulur iżda għal prinċep Olandiż[14].

(iii) It-toponimu ġej minn deskrizzjoni ġeografika u teorikament tista' ssir traduzzjoni kunċettwali tiegħu, iżda l-post jew l-element ġeografiku inkwistjoni ftit li xejn huwa magħruf lil hinn mir-reġjun tiegħu, u allura jista' jitqies wisq 'lokali' biex jinqaleb f'ilsna oħra - eż. *Kap Three Points*, penizola ċkejkna tal-Gana, bit-Taljan ukoll *Capo Three Points*.

(iv) Anki jekk it-trażlitterazzjoni Maltija tal-isem tkun tinvolvi biss sempliċi bidla ta' ittra tat-tip i/y > j jew j > ġ, bħal fix-xenarju (iii), il-post jista' jitqies wisq 'lokali' biex l-isem tiegħu jiġi adattat ortografikament, eż. *il-Foresta Nyungwe*, isem li jibqa' jinkiteb l-istess anki bit-Taljan li kieku kien jibdel il-'y' f''i', bl-Ispanjol li kieku kien jibdel il-'w' f''u' jew 'ü', u bil-Franċiż li kieku jibdel il-'w' f''ou'.

Il-linja bejn xenarju u ieħor fejn jidħol in-nuqqas ta' trażlitterazzjoni mhux lakemm tiġbidha, u hemm ħafna trikkib; biss biss, l-eżempju tal-(iv) seta' daħal aktarx ukoll fil-(i).

[14] Ir-raba' diffikultà msemmija fl-ewwel artiklu kienet appuntu l-periklu tal-etimoloġija falza, u għaldaqstant il-bżonn ta' prudenza. Kien ikun faċli ħafna naqgħu fin-nasba u nipproponu t-toponimu *ix-Xmara (l-)Oranġjo*. Qabbel max-*Xmara s-Safra* taċ-Ċina, imsemmija proprju għall-kulur mogħti mill-ħamrija (tat-tip *loess*) fil-parti t'isfel tax-xmara.

| L-AFRIKA | (a) traduzzjoni kunċettwali | (b) trażlitterazzjoni | (a)+(b) | (c) tħollija fil-lingwa pont | (a)+(c) |
|---|---|---|---|---|---|
| reġjuni ġeografiċi | • id-Deżert tas-Saħara, Nubjan, Libiku<br>• il-Qarn tal-Afrika<br>• id-Delta tan-Nil, il-Wied tan-Nil<br>• l-Istmu ta' Swejs | • is-Saħel | • Il-Medda/l-Istrixxa tas-Saħel<br>• id-Deżert tal-Kalaħari, tan-Namib<br>• il-Peniżola tas-Sinaj<br>• id-Delta tal-Okavango<br>• it-Trijangolu / id-Dipressjoni t'Afar<br>• il-Foresti tal-Kongo | | • l-Istrixxa t'Aouzou<br>• il-Peniżola ta' Cap-Vert<br>• il-Foresta Nyungwe |
| oronimi | • l-Altipjan Etjopiku | • il-Kilimanġaro | • il-Muntanji tal-Atlas, tat-Tibesti, tar-Rwenzori<br>• il-Muntanji Mitumba, Aħmar, Virunga<br>• il-Vulkan / Muntanja Kilimanġaro, Kenja, Meru, Kamerun | • id-Drakensberg | • il-Muntanja Stanley |
| idronimi | • Il-Golf ta' Sirte<br>• Il-Kanal ta' Swejs<br>• il-Baħar l-Aħmar<br>• in-Nil, in-Nil l-Ikħal, in-Nil l-Abjad, il-Kaskati tan-Nil l-Ikħal<br>• il-Lagi l-Kbar Afrikani | • il-Kongo, iż-Żambeżi, in-Niġer, l-Okavango | • il-Golf tal-Ginea, tal-Benin, t'Aden<br>• il-Fliegu tal-Możambik<br>• il-Lag Tanganjika, Malawi / Njasa, Ċad, Volta, Kariba, Nasser, Mweru, Limpopo, Tana, Turkana, Assal<br>• ix-Xmara Kongo, Żambeżi, Niġer, Okavango, Ġuba, Xebeli, Omo, Awax | • l-Orange | • il-Golf ta' Gabès<br>• il-Lag Victoria, Albert, Edward<br>• il-Kaskati ta' Victoria<br>• ix-Xmara Orange |
| oħrajn | • il-Wied tar-Rift il-Kbir<br>• ir-Rift Albertin<br>• ir-Rift Etjopiku Ewlieni<br>• il-Kap tal-Isperanza t-Tajba<br>• il-Kap Santa Luċija | | | | • il-Kap Agulhas, Guardafui, Fria, Three Points, Boujdour |




Iktar delikat minn hekk, iżda, kif għandna nkejlu liema postijiet jistgħu jitqiesu 'wisq lokali' biex isimhom jiġi adattat f'ilsna oħra? Kif nistgħu nkejlu – jekk tassew hemm bżonn li nkejlu – il-grad ta' familjarità ma' toponimu lil hinn mir-reġjun immedjat tiegħu? Bħalma l-kartografu jkollu jiġġudika x'għandu jintwera fuq il-mappa jew le, sfortunatament, it-traduttur tal-mapep ikollu jiġġudika wkoll liema toponimi huma denji ta' traduzzjoni f'ilsna mbiegħda minnha, u liema mhumiex, dejjem skont il-fehma tiegħu. Din hi pożizzjoni skomda ħafna, iktar u iktar għax diffiċli tiġi solvuta bi kriterji oġġettivi.

Fl-artiklu li jmiss se nkompli nfannad f'dawn il-kriterji preliminari, iżda nixtieq nara wkoll x'jiġri meta nibdlu l-lingwa pont mill-Ingliż għat-Taljan. Għaldaqstant, naqsmu l-Atlantiku u nittrakkaw fl-Amerka t'Isfel, kontinent li bħall-Afrika għandu varjetà wiesgħa ħafna ta' pajsaġġi, ta' kull estrem. Sakemm nerġgħu nduru mal-Kap tal-Isperanza t-Tajba, baqagħlna ħafna x'naqdfu.

*Ħajr lil Norbert Rizzo, Andrew Sammut, Mark Vella, Louise Vella, Alan Delia, Kenneth Camilleri, Miguel Debattista, Vicky Grech u kollegi oħra, kif ukoll lill-membri tal-grupp Kelmet il-Malti (Facebook), għad-diskussjoni ta' ċerti proposti toponomiċi.*

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

MILL-GĦATBA 'L BARRA
*Aspetti Oħra*

## Malta u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**Joseph Izzo Clarke**

Dan huwa t-titlu ta' ktieb li ġie ppubblikat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'April li għadda. Il-ktieb, l-ewwel wieħed tal-Qorti tal-Ġustizzja ppubblikat unikament fil-verżjoni Maltija, jiġbor fih is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja li jinvolvu lil Malta, jew lil persuni Maltin (kemm ġuridiċi kif ukoll fiżiċi) fl-ewwel għaxar snin ta' adeżjoni ta' Malta mal-Unjoni Ewropea. Hu jiġbor fih ukoll selezzjoni ta' sentenzi fost l-iktar importanti tal-Qorti tal-Ġustizzja matul dawn l-aħħar sittin sena.

Numru ta' personalitajiet fil-kamp legali Malti u Ewropew taw kontribuzzjoni qasira għal din il-pubblikazzjoni. Fil-ktieb, jiena wkoll nispjega fil-qosor x'inhu r-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istruttura istituzzjonali tal-UE, kif ukoll ir-rwol tat-traduzzjoni u dak tad-diviżjoni tal-ilsien Malti fil-proċedura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Numru ta' kunsiderazzjonijiet wassluni nieħu l-inizjattiva li nippubblika dan il-ktieb. L-ewwel nett, l-għaxar anniversarju ta' Malta fl-Unjoni Ewropea kien jistħoqqlu li jitfakkar. Ridt però li ma tkunx ċelebrazzjoni fiergħa, iżda waħda iktar impenjata, li fiha wieħed jieqaf, iħares lura, u jirrifletti dwar is-snin li għaddew, il-preżent, u s-snin li ġejjin.

Kien hemm ukoll ix-xewqa li tiġi stimolata parteċipazzjoni ikbar tal-professjoni legali Maltija fil-Qorti tal-Ġustizzja. L-istatistika turi kemm il-parteċipazzjoni tal-professjoni legali fil-proċeduri ġudizzjarji tal-UE hija kemxejn assenti. Huwa l-atteġġjament ta' iżolament tal-professjoni legali li ħassejt li kellu jiġi diskuss u analizzat. Barra minn dan, kien hemm ir-




rieda li tingħata viżibilità ikbar lir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Malta.

Skop ieħor kien li jintwera x-xogħol ta' traduzzjoni mwettaq mill-Maltin fl-istituzzjonijiet. Huwa importanti li l-Maltin jifhmu għaliex aħna nittraduċu, u kif nagħmlu dan. Sfortunatament, ix-xogħol tagħna jiġi ġġudikat wisq superfiċjalment minn Malta. Naturalment, ir-rwol tat-traduzzjoni, u b'konsegwenza, tat-tradutturi u tal-ġuristi lingwisti, kien jistħoqqlu jiġi spjegat, sabiex il-Maltin ikomplu jiġu mħajra jidħlu għal din il-karriera.

Fl-aħħar nett, huwa importanti li jintwera kemm il-Malti jista' jilħaq livelli għolja, u li jitqies li huwa fuq l-istess livell tal-lingwi uffiċjali l-oħra tal-UE. Hemm il-bżonn li l-professjonist legali, u l-istudent tal-liġi, ikollu sors ta' referenza u studju bil-Malti, mhux biss bl-Ingliż, kif fil-fatt jiġri llum. Il-Malti, wara kollox, huwa l-lingwa uffiċjali tal-qrati Maltin.

Meta żżid ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-fatt li kont ili s-snin niġbor il-materjal u nifforma qafas ta' ktieb f'moħħi, id-deċiżjoni li jiġi ppubblikat ktieb li jissodisfa dawn l-eżiġenzi kienet mill-iktar naturali u loġika. Ix-xogħol ta' preparazzjoni involva konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, għażla tas-sentenzi u tal-format mill-bord editorjali, il-kitba u r-riċerka tal-materjal miktub, il-proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni u finanzjament tal-ktieb, il-koordinazzjoni mal-kontributuri, u x-xogħol tekniku kollu marbut mal-pubblikazzjoni. Ix-xogħol baqa' sejjer għaxar xhur u tlesta f'April 2014 bil-pubblikazzjoni mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fil-Lussemburgu.

Ġew ippubblikati 300 kopja. Imma minħabba li dan mhux biżżejjed biex il-ktieb jitqassam mal-membri kollha tal-professjoni legali, mal-istudenti tal-liġi, u ma' kull persuna interessata, ġie deċiż li l-pubblikazzjoni tkun bla ħlas, sabiex tkun aċċessibbli għal kulħadd. Tlestiet verżjoni diġitali sabiex titqiegħed fl-internet. Il-ktieb issa huwa disponibbli fis-sit tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (http://bookshop.europa.eu/mt/malta-u-l-qorti-tal-gustizzja-tal-unjoni-ewropea-pbQD0413195/). Għandu jkun hemm verżjoni flip-book ukoll.

Il-ktieb ġie ppreżentat fl-24 ta' April 2014 matul konferenza organizzata flimkien mal-Kamra tal-Avukati f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta. Tkellmu l-Ministru tal-Ġustizzja, l-Onor. Dott. Owen Bonnici, il-Prim'Imħallef, l-Onor. Dott. Silvio Camilleri, l-Avukat Ġenerali, Dott. Peter Grech, u Dott. Reuben Balzan, il-President tal-Kamra tal-Avukati.

Imma ma setgħux jonqsu l-Imħallfin Maltin fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Qorti Ġenerali, Dott. Anthony Borg Barthet u l-Prof. Eugène Buttigieg. Huma tkellmu dwar l-esperjenza tagħhom tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn l-aħħar snin u setgħu, anki permezz tal-esperjenza professjonali preċedenti tagħhom f'Malta, ikunu n-ness bejn is-sitwazzjoni Maltija u dik Ewropea.


Dott. Anthony Borg Barthet (xellug) u Prof. Eugène Buttigieg (lemin)

Jien tkellimt dwar ir-rwol tat-traduzzjoni fil-proċedura ġudizzjarja, kif ukoll dwar l-importanza ta' koordinazzjoni ikbar f'dak li jirrigwarda t-terminoloġija u aspetti lingwistiċi relatati. Kien importanti li jiġi spjegat li t-traduzzjoni hija neċessità fundamentali għat-tmexxija tajba tal-ġustizzja. Hija tippermetti, fil-fatt, li ċ-ċittadini jkollhom aċċess dirett, ugwali u simultanju għall-informazzjoni ġudizzjarja, kif ukoll aċċess għall-ġustizzja. Huwa b'hekk li toħroġ l-importanza tat-traduzzjoni. Il-laqgħa ġiet immoderata minn Dott. Peter Agius, il-Kap tal-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Malta.

Din il-konferenza ġiet apprezzata ħafna fost dawk preżenti, li esprimew numru ta' drabi x-xewqa li avvenimenti bħal dan jinżammu iktar spiss, għaliex jiffaċilitaw iktar il-komunikazzjoni tagħna l-Maltin fl-istituzzjonijiet mal-operaturi Maltin f'Malta, kif ukoll bejn il-Maltin f'Malta. Din it-tip ta' komunikazzjoni u koordinazzjoni hija nieqsa ħafna f'pajjiżna.

It-tema tal-konferenza kienet tirrigwarda temi prinċipalment legali, b'mod partikolari l-

proċedura tar-rinviji għal deċiżjonijiet preliminari, l-interventi ta' Malta fil-kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rwol importanti tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll metodi ta' kollaborazzjoni fil-kamp tat-terminoloġija legali.

Dak li ġie diskuss matul din il-konferenza kien importanti f'dan il-qasam, għaliex wassal iktar direttament il-preżenza tal-istituzzjonijiet f'moħħ il-Maltin, u ppermetta li ssir diskussjoni oġġettiva dwar is-sitwazzjoni kurrenti f'Malta. Irrid nenfasizza, però, iktar l-aspett lingwistiku tal-ktieb.

Il-kelliema, diversi drabi waqt il-konferenza, urew l-apprezzament mhux biss għall-kontenut legali tal-ktieb, imma wkoll għall-Malti ta' kwalità għolja tiegħu. Dan il-ktieb juri kif il-Malti huwa lingwa sofistikata, li tista' tesprimi kunċetti kumplessi fuq il-firxa kompleta ta' suġġetti li wieħed jista' jikteb dwarhom. Fih jidhru kunċetti li nkitbu bil-Malti għall-ewwel darba, bħall-prinċipju ta' 'effett dirett', jew l-espressjoni 'ħaddiem migrant', li bil-mod il mod jidhru li qed jintużaw ukoll fit-terminoloġija li tintuża Malta. Dawn l-espressjonijiet, bħal mijiet oħra li ġew deċiżi f'dawn l-aħħar snin, kienu ħafna drabi jiġu studjati bl-Ingliż biss, u kien jibqgħu f'moħħ dak li jkun f'din il-lingwa. Kien ta' sodisfazzjon personali għalija nisma' lill-membri tal-professjoni legali jistqarru kemm il-Malti laħaq il-maturità tiegħu bħala lingwa li titkellem fuq suġġett kumpless bħal-liġi.

Wara l-ġeġwiġija tal-avveniment, it-trab jibda jwarrab, u dak li jkun jaħseb b'iktar kalma u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu b'iktar serenità u oġġettività.

X'konklużjonijiet wara dan l-avveniment? Prinċipalment tnejn, marbuta ma' xogħolna fl-istituzzjonijiet. L-ewwel nett, din il-konferenza wriet li huwa importanti li aħna l-Maltin inżommu kuntatt ma' Malta. Aħna qegħdin nittraduċu bil-Malti sabiex il-Maltin jaqraw u jifhmu sew il-messaġġ tal-Unjoni Ewropea. Għandna obbligu li nkunu ta' servizz għaċ-ċittadin Malti bħala ċittadin tal-UE. Għaldaqstant, hemm bżonn li nibqgħu dejjem aġġornati dwar dak li qed jiġri Malta f'kull kamp rilevanti.

Hemm il-periklu li nimxu 'l bogħod mir-realtà li għaliha qed nittraduċu. Irridu nsegwu r-realtajiet lingwistiċi Maltin, u nifhmuhom. Huwa neċessarju li nżommu l-kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti tal-lingwa, sabiex nikkoordinaw dejjem aħjar dak li niktbu bil-Malti. Mhux biss l-awtoritajiet lingwistiċi, però. Hemm varji setturi, bħall-professjonijiet liberi, li għandna bżonn insegwu sabiex insiru nafu kif huma jiżviluppaw il-lingwa speċjalizzata tagħhom. Ir-reazzjoni ta' dawk preżenti, kemm għall-ktieb, kif ukoll għall-konferenza, uriet li hemm xewqa kbira għal informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea.

It-tieni nett, irridu nagħtu lill-istituzzjonijiet il-viżibilità neċessarja ħalli l-Maltin jifhmu iktar u aħjar ir-realtà tal-Unjoni Ewropea barra minn xtuthom. Il-periklu li Malta tinqata' mir-realtà Ewropea jeżisti. Anzi, huwa fatt li ħafna Maltin għadhom ma fehmux x'inhi r-realtà li Malta daħlet fiha. Meta mmur Malta, ħafna drabi nieħu l-impressjoni li Malta qed tgħix f'dinja parallela. La Malta u lanqas il-Maltin fl-istituzzjonijiet m'għandhom jinqatgħu minn xulxin. Għandu dejjem jinstab mezz li bih jinżamm kuntatt regolari. B'hekk, ir-realtajiet ta' kulħadd jibdew jersqu iktar viċin xulxin, u verament inkunu nistgħu ngħidu li dħalna fl-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar, fejn jidħol l-ilsien Malti, kull min kien preżenti fil-konferenza qabel u kkonferma l-importanza tal-Malti bħala lsien prinċipali ta' komunikazzjoni tal-Maltin. Nittama li bil-fatti nkunu nistgħu nuru l-istess importanza li nuru bil-kliem.

*Joseph Izzo Clarke huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Ilsien Malti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

## L-Akkademja tal-Malti

F'din il-ħarġa, *l-aċċent* tkellem mas-Segretarju tal-Akkademja tal-Malti, is-Sur Joseph P. Borg. Is-Sur Borg ilu dawn l-aħħar snin attiv f'din l-istituzzjoni lingwistika, għaqda volontarja li twieldet kważi mitt sena ilu, u xtaqna nistaqsuh dwar il-funzjoni tagħha, ilbieraħ u llum.




**1. X'inhi d-differenza bejn l-Akkademja tal-Malti u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti?**

L-Akkademja, imwaqqfa bħala *L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fl-14 ta' Novembru 1920, kellha tliet għanijiet ewlenin, li (i) tfassal alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi; (ii) tiġbor lill-kittieba fi ħdanha u (iii) tnissel letteratura. Erbgħin sena qabel, fl-1880, Anton Muscat Fenech kien diġà stieden lill-kittieba kollha ta' żmienu biex jiltaqgħu u jfasslu metodu wieħed għall-kitba bil-Malti u Manwel Dimech fl-1899 għamel l-istess appell f'*Il-Bandiera tal-Maltin*. Ġużè Muscat Azzopardi kien laqa' minnufih it-talba ta' Muscat Fenech imma kellhom jgħaddu aktar snin, sakemm seħħ il-ħsieb bis-saħħa tal-appell ta' Franġisk Saver Caruana f'*Il-Ħabib* fil-21 ta' Settembru 1920.

Għaldaqstant, wara t-tentattivi li kienu saru fis-seklu tmintax u fil-bidu tas-seklu dsatax minn de Soldanis (1750) u Mikiel Anton Vassalli (1791, 1827), l-alfabett tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħa l-għeruq u kkonsolida ruħu meta l-Għaqda ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* fl-1924 u xejnet darba għal dejjem it-taħwid li kien hemm u ġabet l-uniformità fil-kitba bil-Malti. Il-Gvern daħħal l-ortografija tal-Għaqda fl-iskejjel u fl-1934 għaraf uffiċjalment l-alfabett u l-ortografija tagħha. Maż-żmien inħasset il-ħtieġa li t-*Tagħrif* jiġi aġġornat u nsibu *ż-Żieda mat-Tagħrif* (1984), l-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1991) u r-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* (1998).

Ix-xewqa li jkun hemm Kunsill tal-Lingwa tmur lura għexieren ta' snin u l-proposti kienu tqanqlu kemm fis-seminar *Jedd l-Ilsien Malti – Għażliet għall-Ġejjieni* (1991) kif ukoll fil-kungress organizzat mill-AŻAD (1994) bil-ħsieb li f'pajjiżna jkollna politika lingwistika u din l-entità "tfittex ukoll li fid-diversi fergħat tagħha tiġbor l-isforzi u l-ħidma tal-għaqdiet volontarji... u kull potenzjal ieħor, u tindirizzahom f'impenn wieħed lejn l-għan ewlieni tagħha". Kien il-Bord tal-Malti li witta t-triq u kellu jgħaddi minn taħt tliet amministrazzjonijiet differenti (1994-2000).

Bis-saħħa tal-Liġi tal-Malti (Att Nru. V tal-2004) twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti "biex jippromwovi l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta u jipprovdi l-għodda meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-għan". L-ewwel Kunsill inħatar mill-Ministeru tal-Edukazzjoni f'April 2005 u minnufih bdiet ħidma kbira biex bis-saħħa ta' esperti fl-oqsma tal-lingwistika titwettaq pjanifikazzjoni lingwistika. Il-Kunsill, flimkien mal-ħames kumitati tekniċi b'kollox jiffurmaw tim ta' tletin ruħ. Minnufih beda rubrika importanti fil-ġurnali *Bil-Kelma t-Tajba*, xogħol tal-Prof. Manwel Mifsud, u b'kollaborazzjoni

mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta nieda l-Kors għaċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi bil-Malti. Saru wkoll għadd ta' seminars u konferenzi għall-iżvilupp tal-Malti fl-informatika u sensiela ta' seminars fuq il-varjanti bit-tema *Innaqqsu l-Inċertezzi* li wasslu għad-*Deċiżjonijiet 1*.

Għaldaqstant, illum bis-saħħa tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (KNM) għandna entità mwaqqfa b'liġi li tħares l-Ilsien Nazzjonali u bis-saħħa t'hekk l-Akkademja tal-Malti tista' timpenja ruħha aktar aħjar fl-oqsma letterarji u kulturali. B'danakollu, kif titlob l-istess liġi, l-Akkademja jeħtiġilha li tirrakkomanda isem/ismijiet ta' persuna/i flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta biex jinħatar il-President tal-KNM mill-Prim Ministru. L-Akkademja hi wkoll rappreżentata fil-KNM minn membru tagħha u tajjeb ngħidu wkoll li membru ieħor tal-KNM jinħatar minn fost l-Għaqdiet tal-Malti biex jirrappreżentahom.

**2. Kemm għandha membri l-Akkademja? Kif jista' wieħed jissieħeb fiha u xi ġġib magħha s-sħubija?**

Bħalissa ngħoddu 165 membru. L-istatut jitlob li l-Kunsill tal-Akkademja jaħtar membri lill-gradwati fil-Malti u lil dawk il-persuni li ppubblikaw xogħlijiet ta' kontribut siewi f'xi qasam tal-ilsien Malti jew qed jagħtu kontribut li bih l-Akkademja tilħaq l-għanijiet tagħha. Persuna tista' tniżżel il-formola tal-applikazzjoni mis-sit elettroniku tal-Akkademja: www.akkademjatalmalti.com jew tikteb lis-Segretarju. Kull imsieħeb li jżomm ruħu aġġornat fil-ħlas tal-miżata jkun intitolat għal kopja ta' *Il-Malti* – il-pubblikazzjoni li l-Akkademja ilha toħroġ sa mill-1924.



L-attività tal-Akkademja biex tfakkar il-mitt sena mit-twelid ta' Ġużè Chetcuti - ritratt: Martin Attard mid-DOI

**3. Issemmilna xi proġetti li intom għaddejjin bihom bħalissa?**

Dan l-aħħar ħejjejna serata kommemorattiva f'ġieħ Ġużè Chetcuti f'għeluq il-mitt sena minn twelidu. Matul l-aħħar snin ħabtu għadd ta' anniversarji li ħadna ħsieb niċċelebraw flimkien ma' għaqdiet u entitajiet oħra: Dun Karm f'għeluq il-50 sena minn mewtu mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (2011); Anton Buttigieg f'għeluq il-100 sena minn twelidu mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta (2012); Patri Anastasju Cuschieri mal-Provinċja Kar-melitana Maltija (2012); Rużar Briffa f'għeluq il-50 sena minn mewtu mal-President ta' Malta, id-Dipartiment tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti (2013); Kelinu Vella Haber f'għeluq il-100 sena minn twelidu mal-Ministeru għal Għawdex (2013) u Karmenu Vassallo f'għeluq il-100 sena minn twelidu mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (2014).




Il-Kantilena ta' Pietru Caxaro

Reċentement ħdimna mill-qrib mal-Arkivju Notarili biex nirrestawraw ir-reġistru li fih tinsab il-Kantilena ta' Pietru Caxaro u sponsorjajna għadd ta' diski kompatti bil-poeżiji kantati mal-mużika ta' Mro Dominic Galea. Bil-għajnuna kbira ta' Olvin Vella s'issa organizzajna 22 taħdita fuq oqsma differenti tal-Malti, kemm letterarji kif ukoll lingwistiċi.

Bħalissa qed naħsbu biex noħorġu għadd speċjali ieħor ta' *Il-Malti* li jiġbor għadd ta' taħditiet li semmejtlek u Victor Fenech qed jieħu ħsieb pubblikazzjoni bil-poeżiji miġbura ta' Doreen Micallef. Qed naħsbu wkoll biex niġbru l-aħħar riċerka fuq Vassalli u nippubblikawha wkoll f'edizzjoni speċjali f'għeluq il-250 sena minn twelidu. Il-Kunsill bħalissa qed iħejji ċelebrazzjoni Vassalljana li tinkludi tnedijiet tal-aħħar kotba fuq Missier l-Ilsien Malti.

**4. L-Akkademja għandha sit elettroniku li jiġi aġġornat minn żmien għal żmien. X'jinkludi fih?**

Is-sit elettroniku jservi kemm ta' vetrina kif ukoll bħala għodda siewja għal min ikun qed ifittex tagħrif b'rabta mal-Malti. Fih tlettax-il taqsima u kull waħda tiftaħlek bosta frieġħi: l-għanijiet tal-Akkademja, l-ilsien Malti (li



tinkludi l-istorja tiegħu kif ukoll ir-regoli tal-kitba tal-Malti li huma aċċessibbli bħala dokumenti permezz ta' ħoloq), l-istorja tal-Akkademja, il-Kunsilli tal-Akkademja matul is-snin, avviżi, u l-librerija (li tinkludi l-indiċi u artikli mill-*Malti*).

Ħolqa oħra tieħdok fis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Malti, li minnha tista' tara l-lista tat-teżijiet marbuta mal-letteratura u l-lingwistika Maltija u taqsima dedikata għall-bijografiji ta' awturi Maltin. Din it-taqsima hi popolari ħafna speċjalment mal-istudenti li jsibuha utli għall-proġetti li jingħataw mill-għalliema tal-Malti.

Taqsima interessanti oħra fis-sit elettroniku hi dik li tinkludi mkejjen, swali, lapidi, toroq u skejjel imsemmija għal kittieba magħrufa tagħna u fejn jinsabu l-monumenti tagħhom. Wieħed isib ukoll għadd ta' ħoloq ġenerali li jwassluk f'siti elettroniċi oħra bħal, ngħidu aħna, għaqdiet oħra tal-Malti, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u siti ta' awturi Maltin.

**5. Dan l-aħħar l-Akkademja tellgħet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* onlajn. Dan qed ikun ta' għajnuna kbira għal min qabel kien joqgħod jipprova jaqta' fejn qara dwar it-tali regola. Il-werrej mhux li kien jgħin ħafna. Inizjattiva tajba immens. X'inhi r-raġuni għaliex tellgħet biss il-parti tat-*Tagħrif* flimkien maż-*Żieda mat-Tagħrif* u l-*Aġġornament* filwaqt li r-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* tħallew barra?**

Ir-raġuni hi waħda sempliċi: it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, iż-*Żieda mat-Tagħrif* u l-*Aġġornament* daħlu b'mod uffiċjali u ġew approvati f'Laqgħat Ġenerali tal-Akkademja, filwaqt li r-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* huma ġabra ta' regoli fil-qosor li jinsabu fit-tliet dokumenti li semmejtlek.

**6. Ir-rivista *Il-Malti* hija rivista tal-Akkademja u tal-KKM? Din ir-rabta ilha teżisti? Kull meta toħroġ? X'tittratta l-aktar, il-lingwistika jew il-letteratura? Tasal fl-iskejjel u timxi fost l-għalliema? Ifittxuha l-istudenti tal-Malti fl-Università?**

*Il-Malti* hi r-rivista tal-Akkademja ppubblikata bi ftehim mal-Klabb Kotba Maltin. Mill-2005 *Il-Malti* beda jaltERNA kull sena bejn ħarġa akkademika u oħra letterarja. Ħarġa akkademika tkopri xogħlijiet ta' riċerka, kritika letterarja u studji lingwistiċi u folkloristiċi waqt li l-ħarġa letterarja jkun fiha poeżiji u novelli oriġinali u tinkludi taqsima għat-traduzzjoni wkoll. Din id-darba l-ħarġa letterarja hi fi ħsieb Achille Mizzi u l-ħarġa akkademika hi fil-kura ta' Olvin Vella.

Aħna nieħdu ħsieb nibagħtu kopji lill-Bibljoteka Nazzjonali u l-libreriji pubbliċi kif ukoll lill-iskejjel. Dan l-aħħar qassamna b'xejn għadd sabiħ ta' ħarġiet qodma ta' *Il-Malti* lill-għalliema imma nixtiequ li din ir-rivista tingħata aktar pubbliċità mill-istituzzjonijiet edukattivi biex tixtered u ssir aktar seminali fost l-istudenti l-kbar.

Filwaqt li jeżisti indiċi ta' *Il-Malti* li qed nieħdu ħsieb inżommuh aġġornat, proġett ieħor importanti huwa d-diġitalizzazzjoni tal-paġni kollha ta' *Il-Malti* bis-saħħa tal-inizjattiva ta' William Thierens u dawn ħafna minnhom diġà huma aċċessibbli mill-internet mis-sit elettroniku: http://melitensiawth.com/Index.html

Kull min jixtieq jissieħeb mal-Akkademja u jibda jirċievi r-rivista *Il-Malti*, li toħroġ darba fis-sena, jista' jżur is-sit:
**www.akkademjatalmalti.com**

L-attivitajiet tal-Akkademja ssibhom ukoll fuq Facebook:
**www.facebook.com/akkademjatalmalti**

# Erin Serracino-Inglott, l-iskakkista traduttur

Ivan Said



Erin Serracino-Inglott[1] hu magħruf l-aktar għaż-żewġ xogħlijiet monumentali li tana fil-Malti, *Il-Miklem Malti* u l-qlib tad-*Divina Commedia* mit-Taljan. Kien magħruf sew, mhux biss f'Malta imma anke barra, bħala skakkista – ċampjin nazzjonali taċ-ċess għal diversi snin, kien l-ewwel skakkista Malti li rrappreżenta lil pajjiżu fil-kampjonat internazzjonali taċ-ċess fi Brighton, ir-Renju Unit, fl-1938 (Schiavone, 2009: 1475).

Minkejja li ż-żewġ oqsma – it-tħaddim u r-riċerka tal-kelma fuq naħa, u l-logħob biċ-ċess, fuq in-naħa l-oħra – jidhru distinti, f'ESI għandhom relazzjoni intima bejniethom għax jirrappreżentaw:

- "l-imħabba ta' Erin għall-ordni fix-xogħol u għall-proċedura sistematika", it-tfittxija tiegħu għal "rabta" jew "relazzjoni bejn ħaġa u oħra" biex jingħatalhom "tifsira", "sens" u fidwa "mill-assurdità u mill-kaoċità" (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xv) u
- il-ġlieda dejjiema tiegħu kontra l-medjokrità.[2]

*Il-Miklem Malti* fih disa' volumi, għaxra jekk ngħoddu l-volum tal-*Addenda* li jinkludi "Il-Werrej tal-Għeruq [tal-verbi]", minkejja li "kien qed jittama li jgħaqqad ħdax-il volum mhux disgħa – daqs kemm hemm numru ta' Forom fil-Verb" (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: vii)."

"Hu l-ewwel dizzjunarju monolingwi maħsub biex jgħallem lill-istudenti tal-Malti u lill-qarrejja inġenerali (Agius, 1990: 172)."[3] Dan il-vokabolarju ta' 34,660 kelma ewlenija hu dak li n-neputi ta' ESI, il-Professur Fr Peter Serracino Inglott, ex-Rettur tal-Università ta' Malta,[4] isejjaħlu "riżultat tal-mod sistematiku li bih Erin kien iqis li l-ħaddiem tal-kelma għandu jħejji ruħu biex jagħmel l-aħjar użu tal-aqwa għodda li Alla ta lill-bniedem" (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xv).

Bir-raġun li l-Professur Oliver Friggieri jwissina, meta kien qed jirreferi għalih bħala d-drammaturgu, li ESI "jibqa' qabel xejn il-

[1] Xi drabi kien jikteb taħt l-akronomu ESI, fil-qosor għal Erin Serracino-Inglott.

[2] Skont Fr Peter: "Qatt ma ċeda għat-tentazzjoni li jagħmel patt mal-medjokrità." (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xvi). ESI ma jiddejjaq xejn isejjaħ "xi dilettant" li dawk li qalbu d-*Divina Commedia* qablu (Serracino-Inglott, 1964: xv).

[3] Silta mill-Ingliż.

[4] Minn hawn 'il quddiem Fr Peter, kif kien magħruf Malta.



lessikografu, il-gwida tal-lingwa, l-imgħallem tal-kelma, l-akrobata tal-ħsejjes sbieħ li jaħsdu… [għax] ….Serracino-Inglott huwa traduttur l-aktar mhux meta jaqleb xogħol ta' awtur barrani, iżda meta jqiegħed fil-Malti xieraq kull kunċett u espressjoni li għandhom ħajja akbar u usa' mill-ħajja li qatt seta' kellhom fl-esperjenza kulturali ta' lsien mċaħħad mill-kitba għal sekli sħaħ" (Serracino-Inglott, 1993: xi).

**Il-Miklem Malti**

L-aħjar deskrizzjoni ta' *Il-Miklem Malti* jagħtiha l-awtur innifsu fil-frontispizju ta' kull volum: "Ġabra tal-kliem li jinsab fl-ilsien Malti mill-eqdem magħruf u miktub, ukoll dak li m'għadux jingħad, sa l-iġded magħżul u milqugħ, li beda jingħad, miktub kif jixraq bit-tiswijiet meħtieġa, mogħni bit-tifsir tan-nisel semitiku jew romanz skont is-sengħa."

L-istoriku tad-dizzjunarji Maltin, il-Professur Dionisius A. Agius isostni li "Dak li *Il-Miklem Malti* għandu uniku huwa l-fatt li dan ix-xogħol kien ta' żvilupp importanti fil-lessikografija tal-Malti, u dan billi ġabar informazzjoni minn firxa wiesgħa ta' għejun xjentifiċi u anki mhux xjentifiċi. L-awtur ipprova wkoll jemenda d-derivazzjonijiet u l-forom ipotetiċi tal-kliem li kienu saru minn lessikografi preċedenti."[5] (1990: 172)

ESI ħtieġlu jikkonsulta ħafna sorsi, dizzjunarji u dammi ta' kliem, inklużi dawk ta' Agius de Soldanis, Vassalli u Dun Karm, kif tixhed it-taqsima "Kotba li Qdewni" (Vol. I: ix-xii), biblijografija ta' 'l fuq minn erba' paġni. Iżda Agius jitfa' dawl fuq is-sorsi li sawru *Il-Miklem Malti* b'dan il-mod:

> "Prinċipalment dan id-dizzjunarju monolingwi għandu x'jaqsam mal-lingwa miktuba imma jinkludi wkoll kliem djalettali mislut minn informaturi minn Malta u Għawdex. Huwa partikolari għal ħafna lessemi li ma ġewx reġistrati minn dammi ta' kliem preċedenti. Tali dejta nġabret minn noti marġinali fil-manuskritti ta' Vassalli, mingħand il-perit Franko-Malti Giorgio Grognet de Vasse (m. 1862), awtur ta' dizzjunarju mhux magħruf *Alfabeto Atlantico Maltese* (il-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt Valletta Ms 615), u dejta oħra miġbura mill-Ġiżwita Patri Manwel Magri, li mid-dehra kienet tikkostitwixxi *addendum* tad-*Dizionario* ta' Falzon, li ġie mgħoddi lil Serracino-Inglott mill-Ġiżwita Għawdxi Patri Ġużepp Mejlak (m. 1966), u li hu stess kien qed jiġbor dizzjunarju voluminuż 'Malti-Taljan-Ingliż' (sal-ittra /h/) iżda, minħabba li laħaq miet, qatt ma ġie realizzat (MS. Loyola House, in-Naxxar) (1990: 177)."[6]

Fr Peter jirrakkonta: "Kien fl-1941, fil-qilla tal-gwerra, li Erin beda *Il-Miklem*. Kien kiteb l-ewwel dramm poetiku tiegħu, *Razju Vidal*, u billi kien ambjentat fi żmien il-Kavallieri, Erin ried joħloq effett arkajku fil-lingwa u beda jiġbor listi ta' kliem Malti li kien jintuża dari, imma li kien qed jinqata' l-użu tiegħu u hekk il-lingwa tiftaqar. Dawn il-listi kienu l-ewwel żerriegħa ċkejkna li f'medda ta' erbgħin sena kellha ssir is-siġra b'ħafna friegħi, jisimha *Il-Miklem*." U jispjega kif kien hemm ħames stadji tal-iżvilupp biex minn sempliċi glossarju spiċċa bil-Miklem b'eluf ta' kliem imfisser. (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xiii).

"Sa mill-bidu nett," Agius jispjega, "[ESI] fittex li jikklassifika d-dejta lessikografika fuq bażi xjentifika, billi b'reqqa kbira, uża b'mod eżawrenti d-dizzjunarji kontemporanji tal-

[5] Silta miġjuba mill-Ingliż.

[6] Silta miġjuba mill-Ingliż.

Għarbi Klassiku u d-djaletti Għarab, fuq naħa, u tal-Isqalli u t-Taljan, fuq in-naħa l-oħra (1990: 172).”[7]

Jum wieħed, meta kont qed nirriċerka għal dan l-artiklu fil-Biblijoteka Nazzjonali, il-Belt, inzerta kien hemm il-President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici li qalli: “Jekk trid tkun taf xi ħaġa dwar Erin, staqsini, għaliex jien lil Erin kont nafu sew peress li aħna konna ġirien, u allura ħbieb, tal-familja Serracino-Inglott f’Bormla. Jien niftakar lil Erin jikteb *Il-Miklem* fl-1941 fix-xelter f’Birkirkara.” ESI jikteb fid-“Daħla” għall-ewwel volum li ġġib id-data tat-23 ta’ Novembru 1974 li “Dan ix-xogħol, li bdejt tletin sena ilu, swieli ħidma kbira u bla heda.” (*Il-Miklem Malti*, Vol. I: vii). Iżda ibnu Mario jgħid li “Kien ilu li beda r-riċerka fl-etimoloġija. Jiena sibtlu dokumenti li jmorru lura sal-1931, jiġifieri qabel ma żżewweġ.” (mis-sit tal-Akkademja tal-Malti).

B’*Il-Miklem Malti* ESI mhux biss seddaq il-kultura lingwistika Maltija iżda ta kontribut ukoll lil dik dinjija peress li “mingħajr dubju, id-dizzjunarju għandu kontribut importanti x’jagħti lid-djalettoloġija komparattiva Għarbija kif ukoll lid-djalettoloġija komparattiva Romanza”[8] (Agius, 1990: 179) għax fl-aħħar mill-aħħar il-Miklem hu dak li Friggieri jsejjaħ “is-*summa* ta’ lsien qadim meqjus bħala dokument ta’ kultura interkontinentali, li tgħaqqad kif aktarx ebda lingwa oħra ma tgħaqqad lill-Afrika mal-Ewropa, lill-qadim mal-ġdid, lill-eżemplar lokali mal-mudell oriġinali li jikkaratterizza l-espressjoni ta’ miljuni kbar ta’ nies” (Serracino-Inglott, 1993: ix).

**It-traduzzjoni**

Il-ħidma tat-traduzzjoni ta’ ESI hi ddominata minn żewġ ismijiet: Dante u Gaston Leroux. Hu qaleb id-*Divina Commedia* kollha mit-




Taljan iżda *L-Infern* biss ġie ppubblikat, fil-ħarifa tal-1964, ftit xhur biss qabel ma bdew iċ-ċelebrazzjonijiet li fakkru s-seba’ ċentinarju mit-twelid tal-poeta Dante Alighieri fl-1965.

Jekk l-ilsien nazzjonali hu element essenzjali, aktarx indispensabbli, għall-identità ta’ nazzjon, id-dedika tal-kittieb lill-ilsien Malti – “biex int ukoll O Malti turi lid-dinja li kulma ħaddieħor sata’ jfisser bil-għan ta’ lsienu tista’ tagħmlu b’rasek merfugħa u b’wiċċek minn quddiem meta titħaddem bis-sengħa li tixraqlek” (Serracino-Inglott, 1964: ix) – tieħu sinifikat importanti meta wieħed iqis li d-daħla bil-firma tal-awtur, fil-paġna ta’ qabel, iġġib id-data tat-18 ta’ Settembru 1964, tlitt ijiem biss qabel ma Malta kisbet l-Indipendenza u saret stat nazzjon.

Skont ESI, id-*Divina Commedia* kien jeħtieġ li tinqaleb għall-Malti “mhux biss għalbiex jinqara[9] u biex wieħed jieħu minnu s-sabiħ li ħadu oħrajn, imma wkoll, u fuq kollox, biex wieħed jitgħallem kif iżid ikabbar il-letteratura ta’ art twelidu”, jiġifieri l-letteratura Maltija li, sa dak iż-żmien, skontu, kienet tgħodd biss xi “tletin sena”. (Serracino-Inglott, 1964: xv).

[7] Silta miġjuba mill-Ingliż.
[8] Silta miġjuba mill-Ingliż.

[9] ESI jirreferi għad-Divina Commedia bħala poema, fil-maskil.

P. Cachia, f'reċensjoni ta' *L-Infern* fil-*Bulletin of the School of Oriental and African Studies*, ġurnal akkademiku tal-Università ta' Londra, jiddeskrivi dan ix-xogħol bħala "monumentali" iżda jwissi li "ix-xogħol se jissodisfa bis-sħiħ il-ħtiġijiet biss ta' udjenza ristretta, udjenza mgħallma biżżejjed biex taqsam l-entużjażmi tas-Sur Serracino-Inglott, minkejja inkapaċi taqra l-oriġinal."[10] (1966: 278) Hi t-traduzzjoni "li jirnexxilha żżomm u tirrifletti l-karattru tal-poema partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-lessiku u s-sintassi."[11] (Friggieri, 1989: 62)

Jidher li x-xogħol li ESI kien qed jagħmel fuq *Il-Miklem Malti* għenu mhux ftit biex għamel din it-traduzzjoni għaliex ir-reċensur josserva li t-traduttur "qalleb lil Vassalli u de Soldanis fit-tfittxija ta' forom li m'għadhomx jintużaw, u xi wħud jagħtihom hu stess skont l-awtorità proprja tiegħu. Ħafna min-noti tiegħu huma diskussjoni u spjegazzjoni ta' kliem imqajjem mill-ġdid; ħafna aktar minn 500 minn dawn huma elenkati fl-aħħar tal-volum" filwaqt li jżid li "Dawk interessati fl-użu ta' kliem tat-taħdit Għarbi ta' kuljum bħala idjomi letterarji għandhom ħafna x'jitgħallmu hawn."[12] (Cachia, 1966: 378)

Iżda Fr Peter jikteb li t-traduzzjoni tad-*Divina Commedia* mit-Taljan għall-Malti "ma kinitx biss għalih [għal ESI] eżerċizzju lingwistiku li jikxef is-setgħat u l-potenzjal li ma jitbassarx tal-ilsien Malti jew biss turija oħra tal-imħabba u r-rabta kbira tiegħu [ta' ESI] mal-kultura Taljana, daqskemm meditazzjoni twila tal-moħħ u l-qalb fuq 'il hemm minn din id-dinja." (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xv)

Il-ħsieb ta' ESI kien li "b'dan ix-xogħol tiegħi komplut f'idejja [inklużi *Il-Purgatorju* u *Il-Ġenna* li t-traduzzjoni tagħhom kienet lesta] nkun nista' nilqa' l-istedina li nieħu sehem, barra mill-wirjiet u fl-attivitajiet Danteski li se jsiru fl-Italja [matul l-1965], wkoll fil-*Congresso Nazionale di Studi Danteschi* li se jkun hemm fir-rebbiegħa li ġejja f'Firenze, Verona u Ravenna, u fil-*Convegno dei Traduttori dell'Opera di Dante* li se jsir dak iż-żmien ukoll f'Ruma." (Serracino-Inglott, 1964: x)

F'ittra li kiteb lill-awtur Ġużè Chetcuti fl-1 ta' Novembru 1964, itenni li se "rressaq dan ix-xogħol tiegħi quddiem il-*Convegno dei Traduttori dell'Opera di Dante* li se jsir Ruma fir-rebbiegħa [tal-1965]." (Chetcuti, 1998: 396) u jikkonferma li "Ix-xogħol tat-traduzzjoni taż-żewġ kantiċi l-oħra, jiġifieri *Il-Purgatorju* u *Il-Ġenna*, lest ukoll, nittama li dawn iż-żewġ kotba l-oħra jilħqu joħroġu matul is-sena 1965." (Chetcuti, 1998: 394) Iżda għarralu għax fil-fatt dawn iż-żewġ kantiċi qatt ma ġew ippubblikati.

Fl-20 ta' Mejju 2014, in-neputi tiegħu, l-antropologu Ranier Fsadni, ikkonfermali b'imejl li dawn il-biċċtejn għadhom ma ġewx ippubblikati. Kien hemm ta' mill-anqas tliet tentattivi biex jiġu ppubblikati *Il-Purgatorju* u *Il-Ġenna*: l-ewwel tentattiv isemmih ESI stess fid-daħla għal *L-Infern* (Serracino-Inglott, 1964: x) u fl-ittra lil Ġużè Chetcuti. Mir-riċerka orali li għamilt għal dan l-artiklu, sibt li fis-snin disgħin, fi żmien meta Fr Peter kien rettur tal-Università, kien hemm tentattiv ieħor biex jiġu ppubblikati dawn il-biċċtejn. Fl-aħħar nett, skont l-imejl ta' Fsadni li semmejt hawn fuq, il-werrieta tal-manuskritti għamlu xi taħditiet mad-dar tal-pubblikazzjonijiet PIN iżda mid-dehra ma ntlaħaqx ftehim.

### L-interess ta' Serracino Inglott f'Gaston Leroux

ESI qaleb ħafna mix-xogħlijiet ta' Gaston Leroux, ġurnalista Franċiż, drammaturgu u awtur ta' bosta rumanzi u novelli ta' suċċess.

[10] Silta miġjuba mill-Ingliż.
[11] Silta miġjuba mit-Taljan.
[12] Siltiet miġjuba mill-Ingliż.

Ħafna minna sirna nafu b'dan l-awtur Franċiż bis-saħħa ta' Andrew Lloyd Webber li pproduċa x-xogħol tiegħu tal-1910 *Le Fantôme de l'Opéra*[13] fil-musical *The Phantom of the Opera*, li ilu jittella' Londra sa mill-1986 (Wikipedia) u li saħansitra ġie prodott f'film għaċ-ċinema u t-televiżjoni bosta drabi sa mill-1916 (il-websajt tal-IMDB). Kien fl-1961 li ESI ppubblika t-traduzzjoni ta' dan ix-xogħol għall-Malti, *Il-Ħares tat-Teatru*, fl-istess sena ta' żewġ traduzzjonijiet oħra minn tiegħu ta' Leroux, *Ħabs fuq il-Baħar* u *Żwieġ Barrani*.

Iżda mhux biss, ESI qaleb u ppubblika ħafna xogħlijiet oħra ta' Leroux, jew fi ktieb jew f'sensiliet fil-gazzetti, fosthom *It-Taħbila tal-Kamra s-Safra* fl-1947, li t-traduttur kien qara biċċa biċċa matul l-1939 lil-*Literary and Debating Society* f'Bormla (Serracino-Inglott, 1947: 5). Fl-introduzzjoni ta' dan il-ktieb ESI jgħid li Leroux tah il-permess jaqleb il-kotba kollha tiegħu għall-Malti (1947: 4). Mid-dehra ESI kellu ammirazzjoni kbira għal Leroux għaliex "Illum niftaħar li fost il-kotba tiegħi, li mhumiex ftit, għandi s-sensiela kollha tal-43 ktieb li kiteb il-kbir Gaston Leroux, xi wħud bil-Franċiż u oħrajn, fejn ma stajtx nagħmel mod ieħor biex ingħaqqad is-sensiela, bl-Ingliż jew bit-Taljan." (1947: 3)

### Xogħlijiet oħra ta' traduzzjoni

Qabel ma miet ESI ttraduċa għall-Malti d-dramm ta' Gilbert Cesbron, *Briser la statue*, dwar Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, bit-titlu *Inħassruha dix-xbieha*. Skont Fr Peter "dan kien frott ukoll il-frekwentazzjoni tiegħu tal-Kunvent tal-Karmelitani f'Ruma fejn ħuh kien patri u bibljotekarju." (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xvii) Barra minn hekk, skont l-istess Fr Peter, ESI "ta sehmu safejn kien mitlub fis-snin ta' ħidma għat-traduzzjoni tal-liturġija [tal-Knisja Kattolika] bil-Malti." (*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xv)

### Inkwiet ma' Nerik Mizzi minħabba l-Malti

Bħal Ninu Cremona u tradutturi oħrajn tal-Malti (ara *l-aċċent* Nru 10, 2013: 22-28), anke ESI kellu jbati mill-idjosinkrasiji ta' Nerik Mizzi minħabba l-Malti. Dan seħħ darbtejn. L-ewwel darba meta ESI rrifjuta li jiffirma ċirkolari favur l-alfabett Malti Taljanizzat li Mizzi kien ħareġ bħala ministru tal-edukazzjoni. It-tieni darba kienet meta Mizzi rritorna mill-eżilju fl-Uganda u riedu joħroġlu gazzetta għall-PN – bil-Malti Taljanizzat. Iben ESI jirrakkonta:

> "L-uniku inċident li naf bih u li anki hu baqa' jiftakar, u ddispjaċih għalih, kien ir-ras iebsa li wera dak iż-żmien Nerik Mizzi dwar il-lingwa Maltija, u li hu kien ħass li għaliha m'għandux jiffirma dik il-magħrufa ċirkolari hu. Ħaġa li qajmet ħafna polemiki anki wara, meta sar membru tal-Akkademja. Għalkemm lil Nerik Mizzi kien jammirah, fuq dan il-punt biss qatt ma qabel jew seta' jaqbel miegħu. Kellu xi jgħid darb'oħra fuq hekk miegħu u dan meta Nerik Mizzi kien ġie lura mill-Uganda wara li kien internat u missieri, li kien tabilħaqq ħabib intimu miegħu, mar jilqgħu. (Kien jgħoddu qisu ħuh il-kbir, jekk mhux missieru, biex ngħid hekk). Nerik Mizzi kien dak iż-żmien ipproponielu biex jipprova jibda joħroġ gazzetta. Naturalment qamet il-kwistjoni tal-Malti. Nerik Mizzi ried juża l-Malti li sfortunatament kien għadu ffissat bih, il-Malti ortografikament Taljanizzat u li għalih missieri rrifjuta li jidħol. Qallu: Jew il-Malti tajjeb jew gazzetti ma niħux. U spiċċa biex il-gazzetta b'dak il-Malti stuprat ma ħadhiex." (Mis-sit tal-Akkademja tal-Malti).

### *Ħajtu fil-qosor*

ESI, imwieled l-Isla fl-1904, hu awtur ta' bosta xogħlijiet letterarji u ta' riċerka. Kiteb diversi drammi bħal *Ir-Raġel li Ħadha mal-Mewt* u s-*sequel* tiegħu *Ir-Raġel li Twieled mill-Ġdid* u rumanzi, fosthom *Il-Bażużlu* (ippubblikat fl-1961 u fl-1978), meqjus bħala l-ewwel rumanz *detective* tal-letteratura Maltija.

[13] Dwar dan ix-xogħol, fil-Librerija tal-Melitensia tal-Univeristà ta' Malta hemm teżi tal-B.A. (Unuri) tal-2006 ta' traduttriċi fil-Parlament Ewropew, Stephanie Bugeja: *L'imaginaire de la mort dans Le fantôme de l'Opéra de Gaston Leroux.*

## It-traduzzjonijiet ta' Erin Serracino Inglott ta' xogħlijiet ta' Gaston Leroux[i]

| Erin Serracino Inglott (16 ta' Ottubru 1904 – 22 ta' ta' Awwissu 1983) | | Gaston Leroux (6 ta' Mejju 1868 – 15 ta' April 1927) | |
|---|---|---|---|
| **Is-sena tal-pubblikazzjoni** | **It-titlu bil-Malti** | **Is-sena tal-pubblikazzjoni** | **It-titlu bil-Franċiż** |
| 1947 | It-Taħbila tal-Kamra s-Safra | 1907 | *Le Mystère de la Chambre jaune* |
| 1955 | Il-Fwieħa tal-Mara Liebsa l-Iswed | 1908 | *Le parfum de la dame en noir* |
| 1956 | Dramm fir-Russja | 1913 | *Rouletabille chez le Tsar* |
| 1959 | Ġrajja tad-Demm | | |
| 1960 | Il-Kastell l-Iswed | 1914 | *Le château noir (Rouletabille à la guerre I)* |
| 1960 | It-Trajbu Qattiel | 1923 | *La poupée sanglante* |
| 1961 | Ħabs fuq il-Baħar | 1913 | *Les Cages flottantes -Premières Aventures de Chéri-Bibi* |
| 1961 | Il-Ħares tat-Teatru | 1910 | *Le Fantôme de l'Opéra* |
| 1961 | Żwieġ Barrani | 1914 | *Les Étranges Noces de Rouletabille (Rouletabille à la guerre II)* |
| 1962 | Cheri-Bibi u Ċeċilja | 1916 | *Chéri-Bibi et Cécily* |
| 1962 | Balawù | 1911 | *Balaoo* |
| F'*Il-Berqa* – bejn Diċembru 1963 u Jannar 1964 | Il-Ħannieqa – Ġrajja oħra ta' Rouletabille u Ivana | 1921 | *Le crime de Rouletabille* |
| F'*Il-Berqa* – 1964 | Il-Bniedem tal-Għaġeb – Ġrajja oħra ta' Cheri-Bibi | 1919 | *Palas et Chéri-Bibi - Nouvelles Aventures de Chéri-Bibi - Tome I* |
| 1966 | Il-Ġawhra Mċajpra* | | |
| 1970 | Il-Qalb Misruqa* | 1920 | *Le Cœur cambriolé* |
| 1970 | Il-Bniedem li Reġa' Ġie | 1916 | *L' homme qui revient de loin* |
| F'*Il-Mument* – 1972 | Il-Qarnita – Ġrajja oħra ta' Rouletabille | 1922 | *Rouletabille chez les Bohémiens* |
| | Il-Miġja 'l ura* | | |

[i]Din il-lista tidher fil-paġna ta' wara l-frontispizju ta' *Id-Divina Commedia* bħala xogħlijiet ta' Leroux li nqalbu għall-Malti minn ESI li kienu diġà ġew ippubblikati sal-1964, ħlief għal dawk immarkati b'* li ESI jelenkahom bħala li qegħdin "lesti għall-istampa". *Il-Bniedem li Reġa' Ġie* (1970), li aktarx hu titlu ieħor għal *Il-Miġja 'l ura*, u *Il-Qarnita*, jidhru fil-lista ta' traduzzjonijiet li tidher fin-nota bijografika dwar ESI fi Schiavone (2009: 1475) minn fejn ħadt ukoll is-snin ta' pubblikazzjoni ta' wara l-1964. It-testi ta' *Ġrajja tad-Demm* u *Il-Ġawhra Mċajpra* ma stajtx insibhom bħala kotba – aktarx ikunu ġew ppubblikati bħala sensiliet f'gazzetti kif sar għal, pereż. *Il-Ħannieqa* u *Il-Qarnita*.

F'dik li hi riċerka kiteb ħafna dwar l-ilsien Malti, fosthom *Grammatika Umanizzata tal-Ilsien Malti* inkluża fid-disa' volum ta' *Il-Miklem Malti*, u anki dwar it-toponomastika Maltija.

Kellu tliet delizzji prinċipali: il-lingwa, iċ-ċess u l-mużika, u t-tlieta kien jeħodhom bis-serjetà ħafna. F'dik li hi lingwa rajna biżżejjed x'interess profond kellu; dwar iċ-ċess, barra li kien l-ewwel skakkista Malti li rrappreżenta lil Malta fil-kampjonat internazzjonali taċ-ċess fi Brighton fl-1938, dan iċ-ċampjin nazzjonali taċ-ċess għal diversi snin irrappreżenta lil pajjiżu f'kampjonati internazzjonali. Il-passjoni tiegħu għall-opra, imbagħad, wasslitu biex kiteb *Storja tal-Opra Lirika* u *Annali tal-Opra Lirika* (Schiavone, 2009:1475).

Fl-1927, daħal fis-Servizz Ċivili u serva bosta karigi, fosthom għal xi żmien bħala segretarju tal-Università ta' Malta. Kien jaf l-Ingliż, it-Taljan, il-Latin, il-Franċiż, l-Ispanjol, il-Ġermaniż u r-Russu. F'żgħożitu kien attur, membru attiv fil-kumpaniji teatrali *La Giovine Senglea* u *Goldoni*.

Skont Fr Peter, ESI, bħal missieru Antonio, xi żmien qabel ma miet fl-1983 tilef id-dawl ta' għajnejh u ma setax ilesti *Il-Miklem Malti* u kellu jkun ibnu Mario li jlestih ((*Il-Miklem Malti*, Vol. IX: xii). Fl-1993 kelli x-xorti nattendi t-tnedija tal-ktieb *Il-Kerjoti u Żewġ Drammi Oħra*, miġbura minn ibnu Mario. Niftakar lil Oliver Friggieri jgħid dakinhar; "Erin ħaraq għajnejh għall-Malti". Jien u nipprepara din is-sensiela dejjem nistaqsi: aħna t-tradutturi li qed naqilgħu x'nieklu mit-tħaddim tal-Malti, x'aħna fejn il-ġganti li ġew qabilna?

**Biblijografija**


Agius, Dionisius A. 'Review: A Contribution to Arabic Lexical Dialectology by Al-Miklem Malti', *British Society for Middle Eastern Studies*, Vol. 17, Nru. 2 (1990), p. 171-180.

Cachia, P. 'Review: Dante Alighieri: Id-Divina Commedia bil-Malti. L-Infern by Erin Serracino Inglott: Dante Alighieri', *Bulletin of the School of Oriental and African Studies*. Ir-Renju Unit: University of London, Vol. 29, Nru. 2 (1966), p. 377-378.

Chetcuti, Ġużè. *Ħbiebi l-Awturi Maltin – Ġrajja Awtobijografika fuq il-Letteratura Maltija*. Malta: PEG, 1998.

Friggieri, Oliver. Cenni sulla fortuna di Dante nella letteratura maltese, *Saggi sulla letteratura maltese* Malta: Malta University Press, 1989, p. 59-70.

Schiavone, Michael. *Dictionary of Maltese Biographies*. Malta: Pubblikazzjoni Indipendenza, 2009.

Serracino Inglott, Erin (traduzzjoni), *It-Taħbila tal-Kamra s-Safra*. Malta: Giov. Muscat, 1947.

Serracino-Inglott, Erin (traduzzjoni), *Dante, Id-Divina Commedia – L-Infern, Traduzzjoni u Komment*. Valletta: l-Istamperija tal-Gvern, 1964.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Kerjoti u Żewġ Drammi Oħra*. Malta: Pubblikazzjoni Indipendenza, 1993.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti*. Malta: Klabb Kotba Maltin, Vol. I (1975), Vol. IX (1989) u Vol. X (2003).


*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*


**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: **l-accent@ec.europa.eu**

***Koedituri***: *Mark Vella, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Distribuzzjoni***: *Maryann Agius*

***Impaġnar***: *Alan Delia*

***Qari tal-Provi***: *Marija Agius, Louise Vella*

***Editur tal-Istil***: *Mark Amaira*



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*